# L-1950 Sena

## mill-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu

Inawgurazzjoni tar-restawr u t-tisbiħ tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu, Ħal Luqa

It-Tlieta 29 ta' Ġunju, 2010





## Fl-1950 Sena mill-Martirju ta' Sant'Andrija u d-Dħul Glorjuż Tiegħu fis-Sema

Il-Wisq Rev. Kappillan Dun Karm Camilleri flimkien mal-Kleru u l-Parruċċani ta' Ħal Luqa

jifirħu

fl-inawgurazzjoni tar-Restawr u t-Tisbiħ tal-Koppla tal-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu

b'ċelebrazzjoni solenni ppreseduta mill-E.T. Mons. Joseph Spiteri
Arċisqof Titulari ta' Serta u Nunzju Appostoliku fi Sri Lanka

Bis-sehem tal-*Chorus Excelsior* u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta'
Mro. Norbert Camilleri LVCM, A.Mus.LCM, ALCM, Dip. Sacred Music

## It-Tlieta 29 ta' Ġunju, 2010

Pubblikazzjoni: Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa

© 2010

Ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi riprodotta, ikkupjata, jew fotokopjata mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kappillan tal-parroċċa.

Issettjat u Stampat fil-Best Print, il-Qrendi, Malta

L-attività tal-inawgurazzjoni ġiet sponsorjata minn:

APS bank | CONSTRUCT FURNITURE | WasteServ Malta Ltd | BOV Bank of Valletta

Ħajr ukoll lil Andrè Cassar, Jonathan Vella, Mark Vella, Joe Urpani, Albert Sant u n-Nutar Joseph Debono.

# Il-Koppla

## tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa tingħata d-dehra li tassew jixirqilha

*Neil Zammit*

Hekk kif matul din is-sena qed niċċelebraw l-1950 sena mill-martirju u d-dħul glorjuż fis-sema ta' Sant'Andrija Appostlu, ma setax ikun aktar opportun milli l-proġett tar-restawr u t-tisbiħ tal-koppla tal-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal ikun inawgurat proprju fil-festa li l-parroċċa ta' Ħal Luqa tiċċelebra ad unur dan il-qaddis patrun tagħha.

Għaldaqstant f'din l-okkażjoni, permezz ta' dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn l-istorja li sawwret dan il-proġett ta' ċertu statura li qed jiġi inawgurat proprju f'din is-sena tant għażiża għal Ħalluqin u d-devoti ta' Sant'Andrija Appostlu.

## Sfond Storiku

Nistgħu ngħidu li f'Ħal Luqa s-seklu għoxrin ġab miegħu moviment ġdid fil-bini tal-knisja parrokkjali. Kien fl-1901 meta ngħata bidu għall-bini tan-navi, waqt li tlett snin wara nbeda wkoll ix-xogħol fuq il-faċċata l-ġdida tal-knisja biex b'hekk il-knisja kompliet titkabbar biex tkun tista' taqdi aktar il-ħtiġijiet spiritwali tal-parruċċani. Iżda minkejja x-xogħol strutturali li kien qed isir minn żmien għal żmien, il-koppla baqgħet bla mittiefsa. Biss ma tantx kien għad fadlilha wisq aktar żmien biex tkompli tħares fuq id-djar għax kawża tat-tiġrif li ġarrbet il-knisja parrokkjali fit-Tieni Gwerra Dinjija nhar id-9 t'April 1942, il-koppla u l-kumplament tal-knisja parrokkjali kellhom jinħattu u jinbnew mill-ġdid. L-imgħallem Salvatore Sammut minnufih ħejja xi disinni għall-knisja l-ġdida, inkluż għall-koppla li kellha tinbena akbar u isbaħ minn dik eżistenti. Biss, minħabba xi diffikultajiet li nqalgħu, ix-xogħol fuq il-knisja l-ġdida ssokkta fuq il-pjanti tal-perit Andrea Micallef, bl-imgħallem Ġeraldu Spiteri jieħu f'idejh it-tmexxija tal-bini rikjest. Ix-xogħol qabad rittmu tajjeb, tant li fl-1950 bdiet tinbena l-koppla l-ġdida, bl-iskultura tagħha tkun imqatta' fil-ġebla u partijiet oħra maħduma fil-ġibs mill-aħwa Ġużeppi u Toni Agius ta' Ħal Qormi u f'Ġunju tal-1952 ix-xogħol kollu wasal għat-tmiem.



*Il-koppla l-qadima tal-knisja parrokkjali (c. 1920)*



*Il-Perit Andrea Micallef*



*L-Imgħallem Ġeraldu Spiteri*




*Il-bini tal-arkuni tal-knisja parrokkjali l-ġdida*

Tul il-parrokat ta' Mons. Innoċenz Borg (1956 - 1980), il-knisja ġiet miżbugħa kollha fuq skala ta' kuluri adattati waqt li aktar tard kompliet tiżżejjen b'diversi opri tal-arti. B'hekk meta wieħed iqis li l-poplu ta' Ħal Luqa kellu jagħmel tant sagrifiċċji biex setgħet tinbena mill-ġdid il-knisja parrokkjali, ta' min japprezza b'mod xieraq lil dawk kollha li b'ġenerozita' kbira taw minn flushom, minn saħħithom, minn ħinhom u mill-kapaċitajiet tagħhom biex il-knisja kompliet tieħu d-dehra u d-dinjita' li jixirqilha.



*Il-bini tal-koppla l-ġdida*

Maż-żmien nibet ukoll il-ħsieb li l-koppa l-ġdida tiġi dekorata kif xieraq biex tkompli ssebbaħ il-knisja parrokkjali. Fil-fatt l-ewwel tentattiv jeħodna lura għas-snin tmenin tas-seklu l-ieħor fejn tul il-parrokat ta' Dun Kalċidon Vassallo (1980 – 1985) kienu bdew it-tħejjijiet biex jitpittru l-erba' lunetti ta' taħt il-koppla u t-tmien flieli tagħha. Iżda qabel dan il-ħsieb seta' jimmaterjalizza ruħu, eżiġenza oħra ħadet prijorita': partijiet mill-knisja kellhom bżonn jinżebgħu mill-ġdid. Ittieħdu pariri mingħand Dun Gino Gauci, u fil-fatt inżebgħu is-saqaf, il-koppla minn ġewwa, kif ukoll il-pilastri maġġuri tal-knisja.

Għall-ħabta ta' Frar tal-1985 saru kuntatti mal-pittur Għawdxi l-Kav. Paolo Camilleri Cauchi biex iħejji l-ewwel abbozzi għall-lunetti tal-koppla. Għal dan l-artist din ma kienetx l-ewwel okkażjoni li ġie avviċinat biex ipitter f'Ħal Luqa għax diġà kien ġie kkummissjonat xi xogħolijiet oħra mill-Kappillan Borg. Insemmu ż-żewġ xogħlijiet ovali li pitter fl-1962: *San Alwiġi Gonzaga u Sant'Anjeże Verġni u Martri,* protetturi tat-tagħlim tad-duttrina reliġjuża, li jinsabu wieħed fuq kull naħa tal-kwadru tal-altar iddedikat lit-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija, xogħol il-Kalabriż Mattia Preti. Ma' dawn nżidu wkoll l-erba' kwadri għall-ġnub taż-żewġ kappelluni, fejn jakkumpanjaw il-kwadru tal-altar tar-Rużarju tal-Calì insibu *It-Tħabbira lil Marija* u *Iż-żjara ta' Sidtna Marija lil Santa Elizabetta* li saru fl-1976 waqt li jakkumpanjaw il-kwadru tal-altar tal-Agunija insibu *Il-Magħmudija ta' Sidna Ġesù Kristu* u *Kristu Rxoxt jidher lil Marija Madalena* mitmuma fl-1977.



*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi flimkien ma' wieħed mill-ewwel abbozzi għall-lunetti*

Iżda minkejja l-fatt illi Camilleri Cauchi ġie avviċinat għal-lunetti fl-1985, kien proprju erba' snin wara li dawn ix-xogħoljiet li juru lill-erba' evanġelisti żżanżnu fil-festa ta' Sant'Andrija tal-1989 tul il-parrokat ta' Dun Ġużepp Vella (1986 – 1992), bil-benefattur prinċipali jkun Noè Ciappara. Minn dak iż-żmien l'hawn, tista' tgħid li ftit li xejn sar żvilupp biex il-flieli tal-koppla jitpittru wkoll. Tul il-parrokat ta' Dun Alfred Vella (1992 – 1997), billi fix-xitwa kien qed jidħol xi ilma mill-koppla, ġie deċiż li jsirilha xogħol ta' manutensjoni minn barra biex b'hekk tiġi protetta mill-elementi naturali kif ukoll sar restawr ħafif fil-lanterna. Fi żmien il-Kappillan Dun Joe M. Camilleri (1997 – 2003) twettqu diversi proġetti utli fil-knisja stess, fosthom ir-restawr tal-presbiterju, li nkluda ċ-ċaqliq tal-altar maġġur għall-kor u t-twaqqif ta' altar prinċipali ġdid, u il-bidu tal-invjar tal-pilastri tal-knisja. Imma, nistgħu ngħidu li l-proġett tal-koppla ma baqax daqshekk imminenti.



*Il-Kappillan*
*Rev. Dun Karm Camilleri S.Th.Dip.*

## Żviluppi ġodda

Minħabba l-mewt traġika tal-kappillan Dun Joe M. Camilleri, l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, illum Arċisqof Emeritu ta' Malta, nhar is-7 t'Ottubru 2003 ħatar lil Dun Karm Camilleri bħala kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Waqt li għamel ħiltu biex iqawwi t-tama lill-parruċċani biex iħarsu 'l quddiem u jafdaw f'Alla, b'kuraġġ u determinazzjoni l-kappillan Camilleri medd idejh għat-tkomplija tal-manutensjoni tal-knisja parrokkjali. Waqt li ra li jibqa' għaddej ix-xogħol tal-invjar tal-pilastri tal-knisja, beda jaħseb biex tissewwa l-ħsara li kien hemm fil-bejt u fis-saqaf tal-knisja, ħalli b'hekk ikun jista' jiġi restawrat u dekorat flimkien mal-*apside* tal-kor.

Nhar it-3 ta' Jannar 2004, il-Kappillan Camilleri flimkien ma' Louis Grima għamlu kuntatt mal-pittur Għawdxi l-Kav. Paolo Camilleri Cauchi biex jidħol għal dan il-progett. Iżda r-risposta li kellhom kienet fin-negattiv għax il-pittur diġà kellu ħafna xogħlijiet għal knejjes oħra, speċjalment fid-djoċesi t'Għawdex u għalhekk ma setax jaċċetta.

Iżda l-ħsieb baqa' hemm u lejn l-aħħar t'April 2004, Anton Morana u Joseph Grima għamlu l-ewwel kuntatt mal-pittur Ħalluqi Carmel Said, residenti ġewwa Londra, biex iħejji xi abbozzi għal dan il-proġett ambizzjuż. Għal Ħal Luqa, il-pittur Said diġà kien pitter kopja tal-kwadru ta' Caravaggio li juri l-martirju ta' San Pietru Appostlu, liema kopja tpoġġiet fis-sagristija tal-knisja parrokkjali stess. Said aċċetta bil-qalb li jidħol għal dan il-proġett, tant li sa Lulju tal-istess sena kien diġà ppreżenta d-disinni tiegħu għas-saqaf tal-knisja u l-*apside* tal-kor. It-tema magħżula ittieħdet mill-ktieb tal-Apokalissi fuq il-pariri tal-Kan. Karm Attard, studjuż tal-Iskrittura Mqaddsa. Lejn l-aħħar ta' Settembru 2004, il-kappillan bagħat jinforma lill-pittur Said biex iħejji wkoll l-abbozzi għall-flieli tal-koppla wara li kien ingħata l-parir li l-ewwel għandu jinbeda r-restawr u d-dekorazzjoni tal-koppla biex eventwalment ikompli

bix-xogħol fuq is-saqaf tal-knisja. Għal darb'oħra Said ma sab l-ebda diffikulta' u lejn l-aħħar t'Ottubru tal-istess sena hu ppreżenta l-abbozzi għall-flieli tal-koppla, bis-suġġett din id-darba jkun it-tmien beatitudnijiet.

Sadanittant, il-pittur Said għamel żjara qasira lill-familjari tiegħu f'Malta, u għalhekk ma setax jonqos milli jiltaqa' wkoll mal-kappillan ħalli jitkellmu aktar mill-qrib dwar dan il-proġett li sa issa kien jinsab fl-istadju inizjali tiegħu. Waqt il-laqgħa li saret, li għaliha kienu preżenti l-kappillan Dun Karm Camilleri, il-pittur Carmel Said, ħutu, Joe u Andrew Said, Anton Morana u Joseph Grima, il-kappillan nnifsu esprima x-xewqa li l-abbozzi tal-koppla jiġu emendati ftit biex il-pittura tkun aktar adattata għall-proporzjon tal-flieli. Il-pittur Said laqa' dan is-suġġeriment u aċċetta li jirranġa l-abbozzi.

Wara li għaddew numru ta' ġimgħat, il-kappillan Camilleri talab mill-ġdid lill-pittur Said biex ilesti l-abbozzi emendati fi żmien qasir ħalli jkun jista' jippreżentahom lill-Kummisjoni tal-Arti Sagra fi ħdan il-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Diversi tentattivi ta' komunikazzjoni mal-pittur Said ma ħallew l-ebda riżultat, u hekk il-kappillan ma kienx fadallu triq oħra ħlief li jerġa' jibda jfittex pittur ieħor.

Nhar id-19 ta' Jannar 2005 il-kappillan reġa' avviċina lill-Kav. Paolo Camilleri Cauchi biex jidħol għal dan il-proġett. Iżda għal darb'oħra l-artist, kontra qalbu, kellu jirrifjuta t-talba li saritlu. B'hekk ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi mniedi konkors nazzjonali għal dawk l-artisti li kienu nteressati li jidħlu għal dan il-proġett, iżda kienu biss żewġ artisti li tefgħu s-sottomissjoni tagħhom; Anthony Spagnol u d-ditta barranija bir-rappreżentant lokali tagħha jkun Mariorick Mifsud. Wara taħdidiet ma' dan tal-aħħar biex jitħejjew abbozzi għall-flieli tal-koppla, f'April il-Kappillan kellu diversi laqgħat mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi dwar dan il-proġett tar-restawr u t-tisbiħ tal-koppla.



*Wieħed mill-abbozzi tal-flieli tal-koppla li ppreżenta Carmel Said (2004)*

## Tinbeda l-Ħidma

Fil-festa ta' Sant'Andrija tal-2005 il-proġett tar-restawr u l-pittura kien imħabbar uffiċċjalment u l-poplu seta' jara l-ewwel abbozz li ppreżentat id-ditta Rengee għal wieħed mill-flieli tal-koppla. Hekk kif għaddiet il-festa, l-kappillan Camilleri beda jaħseb biex jakkwista l-armar meħtieġ ħalli jkun jista' jinbeda x-xogħol ta' restawr fuq ġewwa tal-koppla sakemm ikun għaddej il-proċess tal-pittura. Saru diversu laqgħat ma' persuni ntiżi f'dan il-qasam biex il-ħidma ta' restawr timxi fuq pjan adatt li jkun jinkludi kemm it-tqaxxir ta' żebgħa misjura, it-trattament tal-ġebla u anke l-iskema l-ġdida tal-kuluri li biha kellha tinżebagħ il-koppla minn ġewwa.



L-Abbozz għall-flieli tal-koppla ppreżentat mid-Ditta Louis Rengee (2005)

B'ġenerożità' kbira, l-armar kollu ingħata b'xejn minn Salvu Ellul tad-Ditta *Elbros* u b'hekk lejn l-aħħar ta' Diċembru 2005 issaqfet il-koppla minn ġewwa permezz ta' sitt travi kbar iserrħu fuq iċ-ċinta tagħha waqt li ntrama wkoll l-iscaffolding minn mat-travi sal-lanterna. Il-ġenoriżita' kbira tal-poplu bdiet tidher ukoll f'diversi nies oħra li wrew ix-xewqa li jħallsu parti sostanzjali mill-ispiża tal-pittura. Ta' għajnuna kbira fl-aspett finanzjarju kienu ukoll il-*helpers* nisa, fosthom Mary Jacono li organizzat il-ħarġiet għall-parruċċani, Karmena Farrugia li organizzat il-lotteriji, Giovanna Camilleri li pprovdiet il-*hampers* u Andreana Brincat, Antida Scicluna, Giovanna Pulis, Ċettina Abela, Salvina Borg, Dolly Zammit u Brigida Caruana li ta' kull xahar kienu jieħdu ħsieb l-arbural b'risq dan il-proġett, liema arbural inbeda fuq inizjattiva tal-istess Andreana Brincat. Il-ġbir speċjali u d-donazzjonijiet, kemm minn individwi u kemm minn għaqdiet bħall-*Azzjoni Kattolika Nisa* ma naqsux, tant li l-parruċċani dejjem urew il-ġenerożita' kbira tagħhom biex jaraw dan il-proġett jitwettaq.



Dehra tal-koppla minn ġewwa qabel ma beda t-tqaxxir taż-żebgħa l-qadima

It-triq kienet tassew twila u iebsa wkoll. Wara li ntrama l-armar kollu minnufih saret analiżi taż-żebgħa u nstab li kienet fi stat ħażin ħafna. Sfortunatament ġie nnotat ukoll qsim fil-bażi tal-iskutella tal-lanterna. Il-Kuntrattur Henry Galea u Anton Grima telgħu jaraw il-ħsara li kien hemm mill-qrib waqt li bil-għajnuna tas-Sur Innocent Centorrino ttieħdet id-deċiżjoni li kien hemm bżonn jinbidel xi ġebel minħabba li dak eżistenti kien tmermer u nqasam. Sadanittant, f'Jannar 2006, fuq il-pariri ta' Leslie Bonnici nbeda x-xogħol tat-tneħħija taż-żebgħa l-antika tal-koppla minn ġewwa, liema xogħol kien fdat f'idejn Anton Grima u żewġ ħaddiema oħra.

Intant il-kuntatt mad-ditta *Rengee* biex jitpittru l-flieli tal-koppla baqa' miexi ġmielu tant li f'Ġunju 2006 id-ditta Rengee ppreżentat il-kumplament tal-abbozzi li jirrappreżentaw it-tmien beatitudnijiet, tant li għall-festa tal-istess sena dawn ġew ippubblikati fil-fuljett tal-okkażjoni maħruġ mill-parroċċa, kif ukoll ġew esebiti fil-knisja biex il-parruċċani setgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom. Fl-abbozzi kienu ġew raffigurati fost qaddisin oħra anke l-Beatu Dun Ġorġ Preca, illum kanonizzat, il-Beata Suor Maria Adeodata Pisani u l-Beatu Nazju Falzon.



*L-abbozz li juri lil San Ġorġ Preca ppreżentat mid-Ditta Louis Rengee (2006)*



*Dehra tal-koppla minn ġewwa hekk kif kienet fuq il-ġebla*

## Il-Proġett jieħu żvolta oħra

Hekk kif għaddiet il-festa ta' Sant'Andrija tal-2006 kien hemm diversi reazzjonijiet dwar l-abbozzi proposti mid-ditta *Rengee*. Bosta sostnew illi għalkemm is-suġġett magħżul kien teoloġikament validu, dan iżda ma kienx raffigurat bl-aħjar mod possibbli biex jikkumplimenta f'armonija perfetta mal-arkitettura u l-pittura li diġà kien hemm fil-knisja parrokkjali. Wara bosta laqgħat ta' diskussjoni, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi wkoll urew it-tħassib tagħhom f'dan ir-rigward u għalhekk il-Kappillan ħa d-deċiżjoni illi dawn l-abbozzi jitwarrbu, waqt li reġa' għamel ħiltu kollha biex mill-aktar fis isib pittur biex il-proġett ikompli għaddej.



Għat-tielet darba, il-kappillan reġa' avviċina il-pittur Għawdxi l-Kav. Paolo Camilleri Cauchi biex jikkonsidra għal darb'oħra li jkun hu l-artist li jpitter dawn il-flieli biex b'hekk jikkumplimenta x-xogħol tiegħu stess li kien wettaq aktar qabel fil-lunetti tal-istess koppla. Saru xi taħdidiet informali bejn il-kappillan u l-artist, fejn anke kien hemm preżenti wkoll Franġiska Camilleri, oħt il-kappillan kif ukoll MaryRose Camilleri Cauchi li tiġi mart il-pittur. Interventi oħra fosthom ta' Louis Grima u persuni oħra nvoluti f'dan il-proġett komplew għenu biex nhar l-1 t'Ottubru 2006, Camilleri Cauchi aċċetta li jidħol għal din il-kummissjoni u wiegħed lill-kappillan illi kien ser iħejji sett ta' abbozzi sal-festa tas-sena ta' wara. Il-pittur apprezza bil-bosta l-fiduċja li l-kappillan u l-parruċċani kellhom fih, tant li ddeskriva dan il-mument fid-djarju personali tiegħu b'dawn il-preċiżi kelmiet - *Din id-darba meta rajt li reġgħu ġew u għadhom bl-istess ħsieb ... ħassejt li l-Bambin irid li nagħmilha jiena u issa aċċettajt.*

Intant, tkompla x-xogħol fuq il-koppla minn ġewwa fejn tqaxxret iż-żebgħa l-antika kollha li kienet fi stat ħażin ħafna. Għall-iskema l-ġdida tal-kuluri tal-koppla minn ġewwa ġie ikkonsultat il-pittur Camilleri Cauchi nnifsu fejn issuġġerixxa li din għandha tkun fuq skala ta' caffelatte biex tikkumplimenta il-pittura l-ġdida li kien fil-ħsieb li jwettaq. L-artist Silvio Pace wkoll ta l-għajnuna siewja tiegħu f'dan ir-rigward u ħa ħsieb illi l-kuluri kollha taż-żebgħa wżati mhux biss ikunu jaqblu perfettament ma' xulxin, imma li jikkumplimentaw il-partijiet tal-knisja li ġew invjati ħalli din l-istess skala ta' żebgħa eventwalment tintuża għall-knisja kollha.

*Il-flieli tal-koppla fuq il-ġebla*

B'hekk wara x-xogħol ta' tikħil u xkatlar kull fejn kien hemm bżonn, ingħata bidu għall-proċess taż-żebgħa. Dan ħa ammont konsiderovoli ta' ħin, aktar u aktar biex jiġi żgurat li x-xogħol ikollu bażi soda waqt li l-iskala l-ġdida tal-kuluri taż-żebgħa tkun tassew kif mixtieqa. Fl-istess waqt sar ukoll xogħol fuq it-twieqi kollha tal-koppla billi tneħħitilhom iż-żebgħa l-antika u wara ngħataw sitt passati żebgħa ġdida u nbidel il-ħġieġ kollu tagħhom.

Sfortunatament, il-ħsara li kellha l-lanterna tal-koppla tefgħet il-proġett xi ftit lura, kemm minħabba li din il-problema kienet tirrekjedi analiżi serja dwar il-kawża tal-ħsara ħalli dak li għandu jsir ma jkunx biss soluzzjoni tal-mument imma waħda kemm jista' jkun definittiva, u anke minħabba li din il-ħsara fissret spiża kbira li ma kinetx antiċipata fil-bidu tal-proġett.

Iżda l-kuraġġ u d-determinazzjoni ma naqsux u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li jintrama *scaffolding* fuq in-naħa ta' barra tal-koppla biex tkun tista' tinbeda t-tiswija meħtieġa. F'qasir żmien ittieħed il-kejl tal-ġebel li kellu jinbidel kif ukoll taċ-ċintorin li jdawwar dawn il-ġebliet, li kien il-kaġun tal-ħsara, biex dan jinbidel u jsir tal-i*stainless steel* waqt li jibqa' jsaħħaħ l-istruttura tal-lanterna. Kollox ġie segwit mill-qrib mis-Sur Innocent Centorrino. Sakemm kien għaddej dan ix-xogħol kollu, bdew isiru l-ewwel kuntatti mal-induratur John Pace ħalli hekk kif titlesta l-koppla miż-żebgħa, jibda minnufih il-proċess tal-induratura.



*Parti mit-tambur tal-koppla qabel ma bdiet tingħata ż-żebgħa*



Il-koppla minn barra wara li ntrama l-iscaffolding

Nhar it-23 ta' Novembru 2006, il-pittur Camilleri Cauchi iltaqa' mal-E.T. Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, illum Isqof Emeritu t'Għawdex, biex jiddiskuti t-temi għall-pittura tal-flieli tal-koppla, bis-suġġett magħżul ikun mill-ktieb tal-Apokalissi. Erbat ijiem wara, nhar is-27 ta' Novembru, il-kappillan flimkien mal-viċi parroku l-ġdid Dun David Farrugia, u l-Kan. Karm Attard żaru l-istudio tal-pittur ġewwa l-Belt Victoria u ddiskutew aktar fil-fond is-suġġett magħżul. Intlaħaq qbil li waqt li erba' flieli kellhom juru lil Sant'Andrija fil-Glorja tar-Rebbieħ hekk kif imwiegħed fil-vrus tal-Apokalissi, l-erbgħa l-oħra kellhom ikunu ikkaretterizzati minn allegoriji li juru anġli b'simboli marbuta mal-qaddis. B'hekk it-tmien flieli jkunu alternati biex il-koppla tieħu dehra kemmxejn differenti minn kif naraw is-soltu u fl-istess ħin tibqa' bbilanċjata b'unita' sħiħa fil-kompożizzjoni.

F'aktar dettall, it-temi magħżula mill-ktieb tal-Apokalissi kienu dawn:

- Lir-Rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-Ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla. *Apokalissi 2:7*
- Lir-Rebbieħ, ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt. *Apokalissi 2:11*
- Ir-Rebbieħ, għad ixidd fuqu lbies abjad; u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja, imma nistqarrlu ismu quddiem Missieri u quddiem l-anġli tiegħu. *Apokalissi 3:5*
- Lir-Rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu. *Apokalissi 3:21*



Il-koppla tingħata ż-żebgħa fuq l-iskema l-ġdida tal-kuluri

Mil-lat ta' allegoriji, il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi għamel użu minn għadd ta' anġli b'simboli marbuta direttament ma' Sant'Andrija u l-Appostolat tiegħu:

- Ix-Xibka u l-Ħut li jirrappreżentaw is-sejħa li għamillu l-Mulej Ġesù biex minn sajjied tal-ħut isir Sajjied tal-Bnedmin.
- L-Evanġelju, iċ-Ċensier, il-Ħobżiet u l-Ħut li jirrappreżentaw il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, sinjal provvidenzjali tal-Bxara t-Tajba.
- Is-Salib li jirrappreżenta x-xhieda sħiħa għall-fidi li ta sal-mewt fil-martirju, tixbaħ lil ta' Kristu Ġesù.
- Il-Palm u r-Rand li jirrappreżentaw il-glorja eterna fi ħdan Alla l-Imbierek.

Nhar is-6 ta' Ġunju 2007, Camilleri Cauchi beda l-ewwel skizzi għall-abbozzi tal-koppla waqt li ftit jiem qabel il-festa titulari tal-2007, preċiżament nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju, festa tal-Madonna ta' Pinu, il-kappillan Dun Karm Camilleri żar l-*istudio* tal-Kav. Paolo Camilleri Cauchi ġewwa l-Belt Victoria biex jara l-ewwel erba' abbozzi tal-flieli tal-koppla. Dawn imbagħad ġew ippreżentati lill-parruċċani fil-ġranet tal-festa u mill-ewwel kien hemm reazzjoni pożittiva għalihom.



*L-abbozzi l-ġodda fl-istudio tal-Kav. Paolo Camilleri Cauchi (2007)*

## Tissewwa l-ħsara u tinbeda l-induratura

Hekk kif għaddiet il-festa tal-2007 tkompla minnufih ix-xogħol fuq il-koppla minn barra. L-imgħallem Kalċidon Calleja, u ibnu Mark daħlu għax-xogħol li jagħmlu t-tiswija fil-lanterna, tiswija li rrikjediet il-bdil ta' sittax-il ġebla kbira ma' oħrajn ġodda peress li kienu ġarrbu diversi ħsarat ikkawżati mis-sadid fil-ħadid ingastat fil-konkos u anke dak maċ-ċintorin li oriġinarjament kien imqiegħed biex isaħħaħ l-istruttura tal-lanterna. Il-ħidma ta' ċintorin ġdid tal-*istainless steel* kien fdat lid-ditta Alfatrade. Għal darb'oħra x-xogħol kien segwit sew mis-Sur Innocent Centorrino u tlesta fi żmien ftit ġimgħat.



Il-kappillan Camilleri flimkien mal-pittur Camilleri Cauchi



L-Imgħallem Kalċidon Calleja waqt it-tqattiegħ tal-ġebel tal-lanterna

It-tiswija tal-lanterna ġabet magħha wkoll xogħol ta' restawr fuq in-naħa ta' barra tal-koppla. Meta nbeda l-proġett diġà kien hemm il-ħsieb li jsir dan ix-xogħol, iżda dan kien tħalla għal aktar tard, wara li tkun evalwata sewwa s-sitwazzjoni u jkunu ittieħdu l-passi biex issir it-tiswija meħtieġa. Għalhekk issa kien imiss li jssir il-manutensjoni estensiva biex il-koppla tiġi protetta mill-elementi naturali. Joseph Borg, flimkien mal-lavrant tiegħu Joseph Attard daħlu għal dan ix-xogħol li jneħħu ż-żebgħa l-qadima kif ukoll il-kisi bil-qatran li kien beda jinqala' fil-partijiet kien fejn hemm id-deffun. Wara li kaħlu l-fili kollha bdew japplikaw l-ewwel passati b'materjal apposta li jipproteġi l-ġebla mill-ilmijiet u elementi oħra.

Fl-istess ħabta kien għad fadal l-aħħar fażi taż-żebgħa tal-koppla minn ġewwa u għalhekk tkompla dan ix-xogħol biex il-koppla tkun miżbugħa kollha skont l-iskema l-ġdida tal-kuluri. Ittieħed ukoll il-moll bil-kartun tal-flieli tal-koppla, li bħala għoli jġibu madwar 22 pied u bħala wisgħa jibdew minn fuq b'4 piedi u jinżlu għal isfel b'9 piedi biex b'hekk il-pittur Camilleri Cauchi seta' jordna t-tila. Dan seħħ għal ħabta tal-bidu ta' Novembru 2007.



Il-flieli tal-koppla wara li saret il-manutensjoni meħtieġa



Sadanittant kienet diġà bdiet l-induratura tal-koppla minn ġewwa minn John Pace u sal-festa titulari tal-2008 dan il-proċess kien ukoll miexi ġmielu tant li kienet lesta z-zuklatura kollha tat-tmien pilastri tal-koppla. kif ukoll l-iskultura ta' tliet flieli, bil-puttini ta' taħt iċ-ċirku tal-lanterna, il-kustilji u l-iskudetti tagħhom.





*L-induratura fil-koppla minn John Pace*

Il-manutensjoni tal-koppla minn barra ħadet perjodu ta' żmien mhux ħażin tant li tlestiet minn kollox lejn l-aħħar ta' Settembru 2008. Sar ukoll studju dwar il-kalamita' tas-sajjetti, is-sellum u s-sistema tad-dawl tal-koppla minn barra fejn ittieħdu l-passi meħtieġa biex dawn jissewwew. Tajjeb ngħidu li din it-tiswija tlestiet fi żmien qasir u l-ispejjeż tat-tiswija tas-sellum u l-*obsactle lights* ġew koperti mill-*MIA*. Saret ukoll it-tiswija tat-twieqi tal-lanterna minħabba l-ħsarat konsiderevoli li ġarrbu tul is-snin. Dan ix-xogħol kien fdat f'idejn Andrew Vassallo, li fuq pariri tekniċi, wettaq modifika fihom biex jippermettu l-ventilazzjoni tant meħtieġa fil-kumpless kollu ta' knisja ħalli tkun evitata l-ħsara kkawżata mill-arja kondensata. Grazzi wkoll għall-ġenerożita' ta' Kalċidon Calleja, li ġentilment ħalla l-armar tiegħu għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema l-oħra, ġew mibdul ukoll is-salib tad-dawl ta' fuq il-lanterna. Ix-xogħol sar volontarjament minn Victor Scicluna u twaħħal f'postu minn Joseph Borg u Anton Grima.



*It-tqegħid tas-salib tad-dawl*

## Mill-koppla għall-arkuni

Minħabba li l-pittur kien jeħtieġlu perjodu ta' żmien mhux ħażin biex ikun jista' jlesti l-pittura, anke minħabba l-kobor tax-xogħol innifsu, ittieħdet deċiżjoni oħra mportanti biex isir ir-restawr u d-dekorazzjoni tal-arkuni maġġuri ta' taħt il-koppla. B'hekk il-koppla bil-pittura l-ġdida ma jkolliex għalfejn terġa' tingħalaq bl-armar biex ikun jista' jsir ix-xogħol fuq l-arkuni ta' taħtha.




*Titqaxxar iż-żebgħa l-antika tal-arkuni*

Għal darb'oħra, Salvu Ellul tad-ditta *Elbros* reġa' offra l-armar meħtieġ *gratis* u kien propju lejn l-aħħar ta' Settembru 2008 meta tqiegħdu d-disa' travi fuq iċ-ċinta tas-sekond'ordni biex fuqhom seta' jintrama l-armar apposta ħalli jkun jista' jinbeda x-xogħol fuq din il-parti tal-knisja. Eventwalment f'Diċembru 2008 inbeda proċess simili għal dak li diġa kien sar fuq l-intern tal-koppla: il-brix taż-żebgħa l-antika, bdil ta' xi ġebel, tikħil u xkatlar, liema xogħol wasal fi tmiemu għall-bidu ta' Marzu 2009. Għad-dekorazzjoni tal-arkuni kif ukoll it-tqattiegħ ta' skultura fiċ-ċrieki li fuqhom isserraħ il-koppla, ġie avviċinat l-iskultur l-Kav. Joe D'Amato fejn minn naħa tiegħu, nhar it-30 ta' Diċembru 2008 ippreżenta l-ewwel disinni.

Sadanittant, f'Jannar 2009 tkompla x-xogħol ta' induratura fil-koppla minn John Pace, fejn issa bdiet tieħu dehra tassew differenti u isbaħ. Nhar l-20 jum tal-istess xahar, il-pittur Camilleri Cauchi beda





*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi jpitter l-ewwel felli*

x-xogħol fuq l-ewwel felli li juri lil Missier Etern b'idejh miftuħa, l-Ispirtu s-Santu f'forma ta' ħamiema, u lil Mulej Ġesù jilqa' fi ħdanu lil Sant'Andrija waqt li jagħtih il-kuruna bħala sinjal ċar tal-għotja ta' Kristu lil min hu rebbieħ: *li joqgħod maġenbu fuq it-tron tiegħu; l-istess kif Hu, meta rebaħ, qagħad maġenb Missieru fuq it-tron tiegħu.* Interessanti l-fatt illi biex ikollu l-aħjar ispirazzjoni għax-xogħol tiegħu, il-pittur għamel użu minn persuni li servew ta' mudelli u ppużawlu b'ilbies apposta tal-epoka fil-qagħda li kellu f'moħħu biex jirraffigura s-suġġett fuq it-tila.



*L-immudellar għall-pittura tal-flieli*

Għall-ħabta ta' nofs April tlesta ix-xogħol fuq l-ewwel felli, u b'hekk il-pittur beda felli ieħor, dak li jirrappreżenta anġlu jħaddan is-salib tal-martirju. Bla dubju l-interess fix-xogħol beda jikber u kien hemm numru ta' persuni li ta' spiss kienu jitilgħu Għawdex għand il-pittur Camilleri Cauchi biex isegwu mill-qrib l-andament sħiħ tax-xogħol, fosthom il-kappillan u l-viċi, il-Monsinjur Innoċenz Borg kif ukoll individwi oħra nvoluti f'dan il-proġett.



*Il-Kav. Joe D'Amato*
*waqt it-tqiegħid tal-iskultura mal-arkuni*

Matul Ġunju l-proċess tal-induratura fil-koppla kien fi stadju avvanzat ħafna tant li kien fadal biss x'jitlestew l-aħħar biċċiet ta' skultura fit-twieqi l-kbar u partijiet mill-pilastri. Fl-istess xahar bdiet tinħadem ukoll l-iskultura għall-arkuni mill-Kav. Joe D'Amato, iżda minħabba inċident żgħir waqt it-tqandil ta' materjal relatat mal-istess xogħol, il-proċess tat-twaħħil ħa ftit taż-żmien mhux ħażin.



*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi*
*waqt ix-xogħol fuq it-tieni felli*



Mill-banda l-oħra, ir-rittmu tax-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam ma' pittura kien wieħed kostanti għax hekk kif għaddiet il-festa tal-2009, eżattament nhar it-28 ta' Lulju, Camilleri Cauchi lesta it-tieni felli ta' pittura. Ftit tal-jiem wara ssokktat il-ħidma fuq it-tielet felli li jirrappreżenta lil Sidna Ġesù Kristu juri l-isem Andreas lill-Appostlu ewlieni tiegħu, xhieda tal-istqarrija ta' *ismu quddiem il-Missier u quddiem l-anġli tiegħu.* Dan tlesta lejn nofs Settembru u lejn l-aħħar tal-istess xahar Camilleri Cauchi beda jaħdem fuq felli ieħor, dak li jirrappreżenta anġli bix-xbieki u l-ħut. Fil-bidu t'Ottubru l-artist saħansitra beda jaħdem fuq studju ta' felli ieħor, dak li juri




*L-iskultur Joe D'Amato waqt it-tqattiegħ tal-iskultua fiċ-ċrieki ta' taħt il-koppla*



lil Kristu msallab qed jagħti lil Sant'Andrija *jiekol mis-siġra tal-Ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla.* Prattikament, dawn iż-żewġ flieli tlestew għall-ħabta tal-bidu ta' Novembru u kien proprju nhar it-8 ta' Diċembru, festa tal-Immakulata Kunċizzjoni meta waslu l-ewwel ħames flieli tal-koppla f'Ħal Luqa.

Sadanittant, f'Ottubru 2009 l-iskultur D'Amato kompla bil-ħidma tiegħu fuq l-iskultura tal-arkuni ta' taħt il-koppla u tul Novembru u Diċembru irnexxielu jqiegħed f'postha l-iskultura tal-maġġor parti tal-arkuni biex finalment dan ix-xogħol intemm fil-bidu ta' Jannar 2010. Tul dan ix-xahar l-iskultur D'Amato intefa' b'ruħu u ġismu fuq it-tqattigħ tal-iskultura fiċ-ċrieki tal-koppla u l-gwarniċi tal-lunetti, waqt li l-Kav. Paolo Camilleri Cauchi kien qed jaħdem fuq is-sitt felli li jirrappreżenta r-*rebħa ta' Sant' Andrija fuq it-tieni mewt,* hekk kif imwiegħda fl-Apokalissi.

*Il-ħames felli fi stadju avanzat*

## Ix-xogħol jibda joqgħod f'postu

Nhar is-Sibt 11 ta' Jannar 2010 jimmarka fażi oħra ġdida f'dan il-proġett tal-koppla meta nbeda t-twaħħil tal-pittura, liema xogħol sar mill-induratur John Pace, li inċidentalment kien ħa sehem fit-twaħħil tal-lunetti ukoll, Anton u ibnu Luke Grima, Joseph Grima, Neil Zammit, u Effie Mompalao, dejjem taħt is-superviżjoni tal-pittur Camilleri Cauchi nnifsu. Waqt li kien ikun għaddej dan ix-xogħol kien ikun hemm preżenti għal xi ħinijiet il-Kappillan Camilleri, il-viċi, James Aquilina, Keith Grima u Victor Scicluna.

Ta' min jgħid li l-ewwel pittura li twaħħlet f'postha kienet dik li turi lil Sant' Andrija jirċievi l-frotta tas-siġra tal-ħajja mingħand Kristu msallab. Sitt ijiem wara, fis-17 ta' Jannar, twaħħlet dik li turi l-anġli bix-xbieki u l-ħut u immedjatament l-għada, 18 ta' Jannar, twaħħal il-felli li juri lil Kristu Sultan jinkuruna lil Sant'Andrija Appostlu, ir-rebbieħ li joqgħod maġenbu fuq it-tron tiegħu. Fl-24 ta' Jannar twaħħlet f'postha wkoll it-tila li fuqha tpitter l-anġlu bis-salib tal-martirju. Tul iż-żmien li fih kien għaddej ix-xogħol tat-twaħħil tkompla x-xogħol fuq l-arkuni billi ġew miżbugħin bl-iskema l-ġdida tal-kuluri li tikkumplimenta l-koppla kif ukoll waslet fi tmiemha l-ħidma min-naħa tal-pittur Camilleri Cauchi fuq is-sitt felli, biex b'hekk issa kien għad fadal tnejn x'jiġu mpittra. Difatti lejn nofs Frar, Camilleri Cauchi beda jħejji l-ewwel studji għas-seba' felli li jirrappreżenta l-anġli bil-palm u r-rand. L-iskultur Joe D'Amato temm il-ħidma tiegħu fuq it-tqattigħ tal-iskultura fil-ġebla għall-aħħar tax-xahar u mmedjatment wara nbeda x-xogħol taż-żebgħa fuq iċ-ċrieki ta' taħt il-koppla.

Għall-ħabta ta' nofs Marzu, il-pittur Camilleri Cauchi lesta wkoll il-pittura tas-seba' felli u medd idejh għall-aħħar felli li jirraffigura l-anġli bil-ktieb tal-Vanġelu u ċ-ċensier kif ukoll il-miraklu tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet. Lejn l-aħħar tax-xahar inbdiet ukoll l-induratura tal-iskultura taċ-ċrieki ta' taħt il-koppla minn John Pace. Nhar it-Tnejn 5 t'April, l-għada tal-Għid il-Kbir, kompla t-twaħħil tal-pittura, bit-tila tkun dik li turi lil Sant'Andrija rebbieħ fuq it-tieni mewt, waqt li bejn id-19 u l-21 ta' April, il-Kavallier Camilleri Cauchi ġie jispezzjona x-xogħol u wettaq l-irtokki meħtieġa fuq



*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi jpitter is-sitt felli*



*Il-pittura titwaħħal f'postha*



il-pittura li twaħħlet f'postha. Ingħatat ukoll il-verniċetta fuq il-pittura tal-ħames flieli waqt li sadanittant, il-Kav. Joe D'Amato lesta wkoll l-iskultura tas-sekond'ordni ta' taħt l-arkuni u minnufih beda jaħdem fuq l-armi tal-iskudetti ta' taħt il-flieli tal-koppla ħalli hekk kif ikun għaddej ix-xogħol fuq it-twaħħil tal-pittura, dawn l-armi jsibu posthom, jinżebgħu u jiġu ndurati.



*Xogħol ta' żebgħa fuq iċ-ċrieki ta' taħt il-koppla*




*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi waqt ix-xogħol fuq l-aħħar felli*

Jekk l-aħħar t'April kien ikkarettirizzat mill-bidu tal-ħidma ta' John Pace f'dik li hi induratura tal-iskultura l-ġdida tal-arkuni, il-bidu ta Mejju, eżattament nhar is-Sibt l-1 ta' Mejju, festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, kien ikkarettizzat mit-tmiem fuq il-pittura tal-aħħar felli mill-artist Camilleri Cauchi u t-twaħħil tat-tila li turi l-anġli bil-palm u r-rand. Erbat ijiem wara, nhar il-5 ta' Mejju, il-felli li jirrappreżenta lil Kristu juri l-isem Andreas miktub fis-smewwiet sab postu wkoll, biex tlett ijiem wara, nhar it-8 ta' Mejju, festa tal-Madonna ta' Pompei, l-aħħar pittura li turi l-anġli bil-ktieb tal-Vanġelu, iċ-ċensier, il-ħobż u l-ħut twaħħlet ukoll u għaqqdet il-kompożizzjoni sħiħa li l-artist Camilleri Cauchi għal dawn l-aħħar xhur tant ħadem u stinka fuqha biex il-koppla tal-knisja ta' Ħal Luqa tkun tassew kompluta. F'dan l-istess jum twaħħlu wkoll il-bqija tal-armi tal-iskudetti ta' taħt il-flieli biex hekk ikkumplimnetaw l-oħrajn li twaħħlu ftit aktar qabel u li diġà kienu ġew indurati bid-deheb.



*John Pace jindura l-iskultura tal-arkuni*



*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi fil-koppla waqt l-irtukkar tal-pittura*

## Il-Fażi finali

Dan kollu awgura tajjeb biex verament ix-xogħol ikun lest u jiġi inawgurat għall-festa titulari ta' Sant'Andrija ta' din is-sena speċjali, proprju għal nhar id-29 ta' Ġunju, festa tal-Imnarja. Għall-ħabta ta' nofs Mejju, ix-xogħol taż-żebgħa li kien għad fadal intemm u dak ta' induratura fuq l-iskultura tal-arkuni u l-gwarniċi tal-lunetti reġa' qabad rittmu tajjeb. Bejn il-11 u t-12 ta' Mejju, il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi reġa' żar il-koppla biex jirtokka l-aħħar tliet flieli u fl-istess



*Il-Kav. Paolo Camilleri Cauchi fil-koppla waqt l-irtukkar tal-pittura*



*Irtukkar fuq il-lunetti mill-Kav. Paolo Camilleri Cauchi*

waqt, wettaq restawr ħafif fuq l-erba' lunetti ta' taħt il-koppla li kienu tpittru minnu stess fl-1989. Kollox ġie mogħti l-verniċetta u hekk anke dawn ħadu lura s-sbuħija oriġinali tagħhom. Nhar is-16 ta' Mejju, John Pace lesta wkoll ix-xogħol ta' induratura fuq l-ewwel arkun, dak tan-naħa tal-kappellun tar-Rużarju waqt li avanza sew f'dak li jagħti għall-korsija tal-knisja. Matul l-aħħar ġimgħatejn tal-istess xahar tkompla x-xogħol ta' induratura fuq il-bqija tal-arkuni u s-sekond'ordni ta' taħthom.

Sadanittant ingħatat il-verniċetta fuq il-pittura tat-tliet flieli li kien għad fadal, u John Pace indura wkoll it-tliet skudetti ta' taħthom u rtokka xi partijiet żgħar li kien għad fadal fil-kustilji tal-koppla. L-induratura li kien għad fadal fil-lanterna tlestiet minn Joseph Grima biex b'hekk l-induratur Pace seta' jibqa' jaħdem fuq l-arkuni minħabba li issa ż-żmien beda dieħel ġmielhu. Mat-twieqi tal-lanterna, minn ġewwa, twaħħal materjal protettiv bil-għan li jnaqqas mid-dija tax-xemx li taħkem fuq il-pittura matul il-jum.



*John Pace waqt l-induratura tas-sekond'ordni ta' taħt l-arkuni*



*Dehra tal-koppla minn ġewwa qabel ma beda jiżżarma l-armar*

Inbeda wkoll ix-xogħol fuq is-sistema l-ġdida tad-dawl tal-koppla minn ġewwa minn Victor Scicluna u Anton Grima. Difatti, nhar it-Tlieta 18 ta' Mejju wara nżul ix-xemx saru l-ewwel provi tal-illuminazzjoni tal-lanterna u fil-jiem ta' wara saru l-modifiki meħtieġa biex din tiddawwal bl-aktar mod xieraq. Minnufih beda jiżżarma l-armar ta' ġol-lanterna u nhar il-25 ta' Mejju filgħaxija saret prova oħra tal-illuminazzjoni tal-lanterna waqt li matul l-istess jum il-kappillan Dun Karm Camilleri żar lill-Kav. Paolo Camilleri Cauchi fl-istudio tiegħu ġewwa l-Belt Victoria fejn esprimilu s-sodisfazzjon personali tiegħu għax-xogħol kollu li wettaq.

L-iżmantellar tal-i*scaffolding* ta' ġol-koppla sar nhar l-1 ta' Ġunju mill-ħaddiema tad-ditta Elbros, waqt li tliet ijiem wara twaħħlu wkoll it-tubi ta' maċ-ċinta ta' taħt il-flieli tal-koppla u filgħaxija saret prova oħra tal-illuminazzjoni. Saru l-aħħar irtokki u nduratura li kien għad fadal fil-koppla waqt li l-induratura tal-arkuni u tas-sekond'ordni ta' taħthom tlestiet minn John Pace nhar is-7 ta' Ġunju.

Bejn is-7 u l-11 ta' Ġunju, l-quddies kollu ċċelebrat fil-knisja parrokkjali kellu jiġi trasferit għal-kappella taċ-ċentru parrokkjali biex b'hekk seta' jiżżarma l-armar u jinżlu d-disa' travi ta' fuq il-pilastri maġġuri. Il-knisja infetħet mill-ġdid għas-solennita' tal-Qalb ta' Ġesù u l-għeluq tal-Kwaranturi nhar il-11 ta' Ġunju filgħaxija u dakinhar il-poplu seta' jgawdi d-dehra tal-arkuni wara x-xogħol estensiv li kien sar fuqhom. Tliet ijiem wara, il-knisja reġgħet ingħalqet mill-ġdid biex setgħu jitniżżlu s-sitt travi ta' ġol-koppla. Fil-fatt dawn tnizlu kollha nhar il-15 ta' Ġunju, waqt li saru l-aħħar provi tal-illuminazzjoni u minnufih il-koppla tgħattiet b'liżar abjad meħjut minn Marie Claire Grima u drapp tiegħu mogħti mill-*JB Stores.* Sadanittant tlestew ukoll l-aħħar irtokki taż-żebgħa u nduratura fuq iċ-ċinta tas-sekond'ordni ta' taħt l-arkuni fejn kien hemm l-armar u l-knisja reġgħet infetħet mill-ġdid nhar is-Sibt 19 ta' Ġunju. B'hekk issa kollox kien jinsab lest għall-jum tant mistenni tal-inawgurazzjoni.

## Għeluq

Dan kollu għidnieh biex tassew wieħed japprezza mhux biss is-sbuħija imma s-sagrifiċċju li sar minn diversi nies li fil-fakultajiet tagħhom taw minn ħinhom u minn saħħithom biex il-koppla tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa tingħata d-dehra li tassew tixirqilha.

## Bibliografija

Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*, Malta (1975)
Parroċċa Sant'Andrija Appostlu, *Ħal Luqa – 375 sena ta' Fidi u Kultura Nisranija*, Malta (2009)
Joseph Grima, *Il-Manutenzjoni tal-Knisja Parrokkjali*, Leħen il-Parroċċa, Edizzjoni tal-Festa (2006 – 2010)
Rev. Dun David Farrugia, *Rapport ta' ħidma u manutensjoni fil-knisja,* (2006-2010)
Kav. Paolo Camilleri Cauchi, *Notamenti mid-djarju personali (mhux ippubblikati)*
Neil Zammit, *Notamenti personali (mhux ippubblikati)*
Sit uffiċċjali tal-parroċċa – www.luqaparish.com

## Ritratti

Rev. Dun Karm Camilleri, Kav. Paolo Camilleri Cauchi, Joseph u Anton Grima, Neil Zammit, James Aquilina, Familja Spiteri u mill-Arkivju Parrokkjali



# Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Inawgurazzjoni u t-Tberik tal-Koppla

Animatur: Ħuti, f'isem il-Kappillan, Dun Karm Camilleri u l-Kleru ta' din il-Parroċċa ddedikata lil Sant'Andrija, nilqagħkom għal din l-funzjoni liturġika li bħala poplu t'Alla ser niċċelebraw illejla.

Biss qabel xejn inqumu bilwieqfa biex nilqgħu fostna lill-Eċċellenza Tiegħu, Monsinjur Joseph Spiteri, Arċisqof titulari ta' Serta, Nunzju Appostoliku tas-Santa Sede fi Sri Lanka, u bin din il-parroċċa.

Mal-wasla tal-Arċisqof Spiteri, il-kor, akkumpanjat mill-orkestra jkanta l-vers

## Sacerdos Et Pontifex:

*Sacerdos et Pontifex et virtutum opifex*
*pastor bone in populo, sic placuisti Domino.*

Animatur: Għall-Parroċċa tagħna, u mhux biss, is-sena 2010 hija sena pjuttost partikulari, għax fiha qed niċċelebraw l-1950 Sena mill-Martirju ta' Sant' Andrija Appostlu, u d-dħul glorjuż tiegħu fis-sema. M'hemmx dubju li dan il-qaddis, patrun tal-parroċċa tagħna, l-ewwel u qabel kollox hu eżempju għalina tal-ħajja nisranija, u jekk tassew irridu nkomplu nżommu ħajja mhux biss it-tradizzjoni imma l-qima nnifisha tagħna lejh, irridu nagħżlu li nimitawh: nisimgħu s-sejħa ta' Alla, inwieġbu għaliha, nikbru fiha, naqsmuha ma' ħaddieħor, u nkunu xhieda tagħha b'dak kollu li aħna.

Biss, illejla wkoll, ser inkunu qed ngħixu lkoll mumenti importanti ieħor li jgħinna biex bħala nsara napprezzaw aktar il-ħiliet u t-talenti li Alla l-imbierek għoġbu jżejjinna bihom, min ħaġa u min b'oħra. Qed nirreferi primarjament għall-ħiliet artistiċi u mużikali, li għax magħqudin flimkien, ser jgħinnuna ngħixu ċelebrazzjoni unika li timmarka l-inawgurazzjoni u t-tberik tar-restawr u t-tisbiħ tal-koppla, avveniment li barra milli involva enerġija konsiderevoli ta' ħidma, kemm mil-lat ta' żmien kif ukoll mil-lat ta' finanzi, sawwar ukoll stennija partikulari biex finalment, wara madwar ħames snin, illejla nkunu nistgħu ingawdu riżultat li mhux biss jirrifletti ġmiel u sbuħija, imma fuq kollox xewqa u rieda għal qdusija.

Infakkarkom li din hi funzjoni reliġjuża u għaldaqstant għandhom jintfew il-mobiles, filwaqt li ħadd m'għandu jħalli postu biex jieħu r-ritratti waqt l-inawgurazzjoni. Ċans għal dan ser ikun hemm hekk kif tintemm il-funzjoni. Nappellaw ukoll li fil-mument li fih se tinkixef il-koppla, kulħadd għandu jibqa' f'postu ħalli waqt li tibqa' tinżamm il-ġabra xierqa, niffaċilitaw ukoll s-servizz tal-ushers, li ser iqassmu t-tifkira li turi l-pitturi ġodda lil kull min hu preżenti, tifkira li tista' tintrefa' mal-fuljett li bih tistgħu ssegwu aħjar din iċ-ċelebrazzjoni.

Għalhekk issa nistedinkom inqumu bilwieqfa ħalli nagħtu bidu permezz tal-innu SEBBĦU LIL ALLA.

L-Abbatini u s-Saċerdoti joħorġu proċessjonalment mis-sagristija u x'ħin jaslu fuq il-presbiterju, jbusu l-altar.

Is-saċerdoti jsibu posthom bilqiegħda taħt l-altar, waqt li ċ-ċelebrant l-E.T. Mons. Joseph Spiteri, il-Kappillan Dun Karm Camilleri, u l-Viċi Dun David Farrugia isibu posthom fuq is-sedja tal-presbiterju.

Intant il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, jkun qed ikanta l-innu:

## Sebbħu lil Alla

Sebbħu lil Alla,
Għax setgħani u qaddis,
Għannu lill-Mulej ġnus kollha,
Għax hu ta' mħabba.
Ismu kbir u qawwi,
Jisboq ta' kull ħlejqa,
Alla tagħna twajjeb,
Lilu nagħtu qima.

Int saħħa tagħna,
Lilek aħna nagħrfu b'Sid,
Inti sejf u tarka tagħna,
Int għajn ta' kull ġid.
Missier, ftakar fina,
Fik it-tama tagħna,
Lilek aħna nsejħu,
Biex int tieqaf magħna.

Ħallieq ta' kollox,
Lilek aħna niżżuk ħajr,
Lilek aħna b'ferħ infaħħru,
Għax int tal-ħniena.
Missier Alla tagħna,
Aħna lkoll uliedek,
Lilek aħna nweġġħu,
Lilek nagħtu qima.

## Ir-Rit tal-Bidu

Ċelebrant: † Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.

Il-poplu: Ammen.

Ċelebrant: Il-Paċi magħkom.

Il-poplu: U miegħek ukoll.

Ċelebrant: Ħdejn il-baħar tal-Galilija, il-Mulej ra żewġt aħwa, Pietru u Indri, u sejħilhom: Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin.

## Indirizz ta' Merħba u Introduzzjoni

Animatur: Waqt li nistedinkom biex toqgħodu bilqiegħda, il-Kappillan Dun Karm Camilleri, ser jgħidilna dwar l-idea wara dan ix-xogħol kollu tal-koppla.

Il-Kappillan jagħmel indirizz ta' merħba li fih jintroduċi l-idea wara dan ix-xogħol kollu tal-koppla u jintroduċi wkoll l-ewwel feature, dak dwar il-ħsara u r-restawr minn ġewwa u minn barra tal-arkitettura, l-iskultura, ż-żebgħa u l-induratura tal-Koppla .

Jintwera l-ewwel *feature*

Animatur: Fi knisja bħal din, kien xieraq ukoll li ma' dan ix-xogħol isir ukoll xogħol artistiku, li filwaqt li jfakkarna fil-qaddis li għalih hu iddedikat dan it-tempju, ifakkarna ukoll fis-sejħa aħħarija tagħna lkoll bħala nsara; dik li ningħaqdu bl-aktar mod sħiħ miegħu. U biex din l-arti sagra nkunu nistgħu nifhmuha tajjeb, il-Kanonku Dun Karm Attard ser jagħtina spjegazzjoni tat-temi u x-xbiehat li issa nsibu mpittrin f'din il-koppla, b'mod partikulari fid-dawl tal-ktieb tal-Apokalissi. Fl-istess waqt ser inkunu nistgħu ngawdu xi dettalji ta' dawn ix-xbiehat il-ġodda li tpittru mill-Kav. Paolo Camilleri Cauchi.

Il-Kan. Karm Attard jagħmel l-ispjegazzjoni tiegħu u immedjatament wara jintroduċi t-tieni feature, dak dwar il-pittura l-ġdida: Abbozzi, esekuzzjoni, twaħħil, u dettalji mill-flieli mpittra.

Jintwera t-tieni *feature*

Hekk kif jispiċċa l-feature, l-iscreen jiżżarma u jintrama l-pedestall tar-relikwa fuq l-altar.

Fl-istess waqt, kulħadd iqum bilwieqfa, u l-Kappillan, jgħid:
Għalhekk issa, ħuti għeżież, ejjew nagħtu bidu għaċ-ċelebrazzjoni nnifisha li biha se nbierku 'l Alla waqt li se nesponu għall-qima pubblika dawn ix-xbiehat ġodda ta' Sant Andrija. Iżda jaqbel li mhux biss sirna nafu dwarhom u dwar x'jwassal għalihom, imma li fid-dawl ta' dan kollu, inħejju ruħna sewwa bil-Kelma ta' Alla nnifisha, ħa nifhmu tajjeb x'inhu s-sinjifikat tagħhom u ta' din iċ-ċelebrazzjoni stess.

Ħuti, meta tesponi x-xbihat tal-Qaddisin għall-qima tal-insara, il-Knisja tfittex fuq kollox li aħna, waqt li nħarsu lejn ix-xbihat ta' dawk li fid-dinja mxew wara Kristu bil-fedelta' kollha, nitħeġġu biex inħabirku ħa naslu għall-belt li tibqa' għal dejjem,u fl-istess ħin nitgħallmu liema hija t-triq li minnha rridu ngħaddu biex naslu żgur għall-għaqda sħiħa ma' Kristu.

Il-qaddisin huma l-ħbieb ta' Kristu u werrieta flimkien miegħu, u huma wkoll ħutna u benefatturi kbar tagħna, iħobbuna, jieqfu magħna, jitolbu ħerqana għalina u b'mod tal-għaġeb jikkomunikaw magħna.

Għalhekk, żgur li Sant'Andrija, l-ewwel dixxiplu msejjaħ minn Kristu Ġesù fil-bidu tal-ministeru pubbliku tiegħu, u l-appostlu li bata l-mewt bħas-Sultan tiegħu, jidħol għalina kull meta nsejħulu fit-talb tagħna.

B'hekk, b'qima lejh u fidi f'Alla l-Imbierek, ejjew nilqgħu r-relikwa ta' dan il-qaddis fostna. Ejjew fit-tifkira tiegħu ningħaqdu flimkien fit-talb, biex, waqt li titħabbrilna il-Kelma tal-Verita', nimtlew bl-Ispirtu Qaddis ħa nwieġbu aħjar s-sejħat tal-Missier Ħanin tagħna.

Animatur: Kif aċċenna l-Kappillan, issa ser jingħata bidu għat-talb proprju ta' din ċ-ċelebrazzjoni, billi minn quddiem l-istatwa ta' Sant'Andrija ser tinġieb miċ-Ċelebrant ir-relikwa u proċessjonalment titwassal fuq l-altar fejn ser tkun inċensata flimkien mal-altar, illum mhux bl-użu taċ-ċensier kif soltu jsir, imma permezz ta' reċipjent fiss. Fl-istess waqt il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, ser ikanta l-Innu lill-Appostli, bil-Latin li jġib l-isem EXULTET ORBIS GAUDIIS

Żewġ Abbatini bl-Akkolti flimkien mal-E.T. Mons. Joseph Spiteri, il-Kappillan Dun Karm Camilleri, u l-Viċi Dun David Farrugia jinżlu fejn l-istatwa ta' Sant'Andrija minn fejn ser tingħata bidu ċ-Ċelebrazzjoni Liturġika proprja.

Hekk kif iċ-ċelebrant jieħu r-relikwa f'idejh, jibda l-Kant tal-Innu: Exultet Orbis Gaudiis

I

Exsultet orbis gaudiis
caelum resultet laudibus
apostolorum gloriam
tellus et astra concinunt.

II

vos, saeculorum judices
et vera mundi lumina,
votis precamur cordium:
audite voces supplicum

III

Qui templa caeli clauditis
Serasque verbo solvitis
Nos a reatu noxios
Solvi jubete, quaesumus.

IV

Praecepta quorum protinus
languor salusque sentiunt,
sanate mentes languidas,
augete nos virtutibus:

V

Ut cum redibit arbiter
in fine Christus saeculi
nos sempiterni gaudii
concedat esse conpotes.

VI

Patri, simulque Filio
tibique, Sanctae Spiritus,
sicut fuit, sit jugiter
saeculum per omne gloria. Amen.

Hekk kif jintemm il-Kant, minn fuq is-sedja, l-E.T. Mons. Joseph Spiteri jgħaqqad idejh ma' xulxin u jgħid il-kolletta:

## Nitolbu

Miċ-ċokon tagħna, Mulej, nitolbu l-kobor tiegħek, biex l-Appostlu Sant' Andrija, li fil-Knisja tiegħek kien predikatur u mexxej, jidħol għalina quddiemek. B'Ibnek Ġesù Kristu, li hu Alla, u li miegħek jgħix u jsaltan flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu: Ammen.



## Il-Liturġija tal-Kelma

Waqt li kulħadd joqgħod bilqiegħda, l-Animatur jintroduċi l-Liturġija tal-Kelma.

Animatur: Il-Qari mill-Kotba Mqaddsa li ser jitwasslilna hu tassew partikulari, għax mhux biss ser ikompli jenfasizza it-temi espressi fix-xbiehat impittrin fil-koppla, imma saħansitra anke għax ser jurina kif il-Kelma ta' Alla hi tassew waħda ħajja u qawwija tant li l-kontenut u l-valuri tagħha ukoll jistgħu jiġu espressi b'mod straordinarju fil-lingwaġġi artistiċi u mużikali li l-ħniena ta' Alla għoġobha żżejjen lill-bniedem bihom, waqt li tistiednu jkompli jħaddanhom f'ħajtu.

Animatur jintroduċi l-ewwel tema:

"Lir-Rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-Ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla." Apokalissi 2,7

L-istorja tas-Salvazzjoni turina li d-dnub, li introduċina fih Adam, bl-effetti kollha tiegħu, jista' jintrebaħ biss fi Kristu u l-grazzja tal-ħelsien li joffrilna. B'hekk il-figura ta' Kristu, u dan imsallab, apparti li hi xbieha ta' tbatija, hi xbieha ukoll li toffri tama ġdida lilna l-bnedmin kollha għax fih nistgħu naraw b'mod l-aktar ċar ukoll l-għaqda sħiħa mal-Ħallieq, f'dik li hi ubbidjenza mar-rieda tiegħu; ubbidjenza li twassalna biex fih nibqgħu ġusti u hekk niksbu l-frott tal-ħajja ta' dejjem.

## L-Ewwel Qari

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani Rum 5, 12-21

Ħuti: Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub u, permezz tad-dnub, il-mewt, hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu. Għax sakemm kienet għadha ma waslitx il-liġi, id-dnub kien ġa fid-dinja; imma d-dnub ma kienx meqjus, ladarba liġi ma kienx hemm. Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mose', imqar fuq dawk li ma waqgħux fid-dnub li fih kien waqa' Adam, li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi.

Imma d-don mhuwiex bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija waħda mietet il-kotra, aktar u aktar il-grazzja ta' Alla u d-don mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed, li hu Ġesù Kristu, xterdu bil-bosta fuq il-kotra.

U d-don anqas ma hu bħall-frott ta' dak il-wieħed li dineb. Għax tassew, il-ġudizzju mogħti fuq dnub wieħed wassal sal-kundanna, iżda d-don mogħti wara ħafna dnubiet iwassal għall-ġustifikazzjoni. Għax jekk minħabba fil-ħtija ta' wieħed saltnet il-mewt permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustifikazzjoni għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed, li hu Ġesù Kristu.

Mela bħalma bil-ħtija ta' wieħed waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni li tagħti l-ħajja. Għax kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.

Il-Liġi daħlet, biex kotru d-dnubiet; fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja. B'hekk, kif id-dnub saltan permezz tal-mewt, hekk issa l-grazzja ssaltan permezz tal-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem bis-saħħa ta' Ġesù Kristu Sidna.

Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla.

Animatur jintroduċi l-ewwel allegorija:

L-Anġli bix-Xibka u l-Ħut, li jirrappreżentaw s-sejħa tal-Mulej lil Sant'Andrija biex minn Sajjied isir Sajjied tal-Bnedmin.

L-istorja ta' Kristu ma tistax tibqa' sempliċiment ġrajja li ta' min insiru nafu, u daqshekk biss. Iżda pjuttost jeħtieġ li din, bl-għixien tal-vokazzjoni, fl-isfond tal-Magħmudija tagħna, ssir tassew waħda dejjem aktar personali. Jenħtieġ li, bħal Sant'Andrija, nisimgħu aktar is-sejħa ta' Alla u nmorru fejn jeħodna, ħalli b'hekk, aħna, b'dak kollu li jsawwarna, tassew inkunu nistgħu ngħixu miegħu u nagħmlu dak li jurina.

## Salm Responsorjali

Salm 39 (40)

*R/. Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.*

Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej,
u miel lejja u sema' l-għajta tiegħi.
Qegħidli f'fommi għanja ġdida,
għanja ta' tifħir lil Alla tagħna.

*R/. Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.*

Hieni l-bniedem li jqiegħed
fil-Mulej it-tama tiegħu,
u ma jmurx mal-kburin,
mogħtija għall-gideb.


2008

*R/. Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.*

Sagrifiċċju u offerta int ma tgħaxxaqtx bihom;
imma widnejja int ftaħtli.
Vittmi tal-ħruq u tat-tpattija, int ma tlabtnix.
Imbagħad jien għidt: Hawn jien, ġej.

*R/. Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.*

Fil-ftuħ tal-ktieb hemm miktub fuqi
Li nagħmel ir-rieda tiegħek.
Alla tiegħi, jogħġobni,
u l-liġi tiegħek ġewwa qalbi qiegħda.

*R/. Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.*

Il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, jkanta l-Antifona *Cum Pervenisset* ta' Mro. Giuseppe Malfiggiani.

Animatur jintroduċi t-Tieni tema:

"Lir-Rebbieħ ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt." Apokalissi 2,11

L-ubbidjenza u l-fedelta' li Kristu wera f'ħajtu fuq din l-art nsibuha reċiprokata mil-lealta' u l-ħniena ta' Missier fil-qawmien mill-imwiet. Ix-xbieha ta' Kristu Rxuxtat, turina li tassew ma nitilfu xejn minn dak li Alla tana jekk aħna nibqgħu sħaħ fil-fidi tagħna Fih. U biex dan ngħixuh lkoll, Kristu nefaħ fuqna l-Ispirtu qaddis tiegħu ħalli jkollna l-qawwa li neħilsu minn dak kollu li jagħlaqna fl-egoiżmu; minn dak kollu li jħassarna u saħansitra jmewwitna. Mill-banda l-oħra, permezz ta' dan in-nifs ġdid, nifs ta' sabar, umilta' u ħniena, aħna nistgħu ngħixu magħqudin flimkien Fih għal dejjem.

## It-Tieni Qari

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani Rum 8, 8-11

Ħuti: Dawk li jgħixu skont il-ġisem ma jistgħux jogħġbu lil Alla.

Iżda intom ma tgħixux skont il-ġisem, imma skont l-Ispirtu, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom. Jekk xi ħadd ma għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhuwiex tiegħu.

Imma jekk Kristu jgħammar fikom, ukoll jekk il-ġisem hu mejjet minħabba fid-dnub, imma l-ispirtu hu ħaj minħabba fil-ġustifikazzjoni.

Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem tagħkom li jmut, bis-saħħa tal-Ispirtu tiegħu li jgħammar fikom.

Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla.

Animatur jintroduċi t-tieni allegorija:

L-Anġli bl-Evanġelju, iċ-Ċensier, il-Ħobżiet u l-Ħut, li jirrappreżentaw il-Miraklu tat-Tkattir tal-Ħobż, sinjal providenzjali tal-Aħbar it-Tajba li esperjenza Sant'Andrija.

Il-Messaġġ tal-Ħbiberija tagħna ma' Alla, messaġġ li ħabbrilna Kristu stess matul ħajtu, hu tassew Aħbar tajba li ta' min nagħtu każha. U dan, għax apparti li hi aħbar vantaġġuża li tiggrantixxi għixien lill-bniedem, hekk kif esperjenza Sant' Andrija stess, speċjalment bil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, hi aħbar li tirrifletti il-provvidenza ta' Alla, li taħseb u tferraħ lill-bniedem li jfittex lill-Mulej, tant li xejn ma jkun jonqsu. U din il-provvidenza jista' jsir dejjem aktar konxju tagħha permezz tal-ħin iddedikat lil Alla fit-talb.

## Salm Responsorjali

Salm 33 (34)

*R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej*

L-Anġlu tal-Mulej jgħasses
madwar dawk kollha li jibżgħu minnu u jeħlishom.
Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej;
hieni l-bniedem li jistkenn fih.

*R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej*

Ibżgħu mill-Mulej, qaddisin tiegħu;
xejn ma jonqsu min jibża' minnu.
Is-setgħana jiftaqru u jbatu l-ġuħ;
min ifittex lill-Mulej, xejn ma jkun jonqsu.

*R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej*

Kbar huma l-ħsarat tar-raġel sewwa,
iżda minnhom kollha jeħilsu l-Mulej.
Iħarislu għadmu kollha,
ebda waħda ma titkissirlu.

*R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej*

Il-ħażin ħżunitu teqirdu;
min jobgħod il-ġust iħallas għall-ħtija.
Jifdi l-Mulej il-ħajja tal-qaddejja tiegħu;
kull min jistkenn fih ma jkollux xi jpatti.

*R/. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej*

Il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, jkanta l-Antifona *Cum Pervenisset* ta' Dott. Paolo Nani.

Animatur jintroduċi t-tielet tema:

"Ir-Rebbieħ, għad ixidd fuqu lbies abjad; u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja, imma nistqarrlu ismu quddiem Missieri u quddiem l-anġli tiegħu." Apokalissi 3,5

Il-qawwa u s-saħħa ta' kull relazzjoni tispikka fl-azzjonijiet favur dak li jinbet mill-istess relazzjoni, aktar u aktar meta dawn jitwettqu fi żminijiet meta l-kurrent ma jkunx daqshekk favur. Kristu, fit-tlugħ tiegħu fis-sema, tana ħjiel sħiħ ta' dan bil-kliem li qalilna biex f'ismu nħabbru l-aħbar it-tajba u waqt li nistiednu għall-magħmudija lil dawk kollha li jemmnu, nħeġġuhom biex lkoll niffaċċjaw kull periklu tal-ġisem u tar-ruħ. Fl-istess waqt, biex l-għaqda tagħna lkoll ma titkissirx, hu jridna nipprattikaw l-imħabba lejn il-proxxmu, speċjalment billi nimxu fuq l-eżempji li ħallewlna l-qaddisin, dawk li isimhom u ħajjithom ifissru l-istqarrija ta' Ismu.

## It-Tielet Qari

Qari mill-Ittra lil-Lhud Lhud 12, 22-25; 13, 1-8

Ħuti: Intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema; ersaqtu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa; lejn il-ġemgħa tal-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti; lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid; u lejn id-demm imraxxax tiegħu li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel.

Qisu li ma twarrbux lil Dak li qiegħed ikellimkom! Għax jekk ma ħelsuhiex dawk talli warrbu 'l min kellimhom fuq l-art, wisq aktar ma neħilsuhiex aħna jekk inwarrbu 'l min ikellimna mis-sema.

Ħa tibqa' magħkom l-imħabba tal-aħwa. Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu. Ftakru f'dawk li huma fil-ħabs, daqslikieku kontu fil-ħabs magħhom; ftakru wkoll f'dawk li qegħdin ikasbruhom, daqslikieku qegħdin ikasbru lilkom f'ġisimkom. Ħalli jkun iż-żwieġ tagħkom miżmum fil-ġieħ minn kulħadd u s-sodda taż-żwieġ bla tinġis, għax Alla għad jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri. Tkunux mogħtija għar-regħba tal-flus; kunu kuntenti b'dak li għandkom, għax Alla stess qal: "Jien m'iniex se nħallik, anqas nitilqek."

Għalhekk nistgħu ngħidu b'qalbna qawwija: Ftakru f'dawk li jmexxukom, dawk li wasslulkom il-kelma ta' Alla; aħsbu fuq it-tmiem ta' ħajjithom, imxu fuq l-eżempju tal-fidi tagħhom. Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem.

Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla

Animatur jintroduċi t-tielet allegorija:

L-Anġli bis-Salib tal-martirju ta' Sant'Andrija, sinjal ċar tax-xhieda għall-fidi li dan l-appostlu ħaddan sal-mewt.

Il-Martirju li għexu diversi nsara hu kontradizzjoni kbira għal żmienna, għax ħafna drabi meta nħarsu lejn l-imgħoddi, dan jiġbed tant ammirazzjoni, imma meta nħarsu lejn żmienna stess, dan hu tant komuni taħt skuża jew oħra, u għaldqastant bħal donnu minsi. Iżda kemm nsara madwar id-dinja għadhom jagħtu ħajjithom, ġisimhom stess, bħal Sant'Andrija, biex iżommu sħiħa l-fidi li ħaddnu. B'hekk din il-fiduċja sħiħa f'Alla, anke jekk xi drabi skomda ħafna, turini li ħajjitna tagħmel verament sens jekk issir offerta lil Alla; dan, min-naħa Tiegħu, fi Kristu, jużaha bħala żerriegħa li tmut biex aktar persuni jikbru f'Imħabbtu.

## SALM RESPONSORJALI

*R/. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi*

Fik, Mulej, jien nistkenn;
Tħallini qatt ninfixel!
Fil-ġustizzja tiegħek salvani
Agħtini widen u fittex eħlisni.

*R/. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi*

Ħenn għalija, Mulej,
għax ninsab fil-hemm,
infnew għajnejja minħabba d-dwejjaq,
ruħi wkoll u l-ġewwieni tiegħi.

*R/. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi*

F'idejk hi xortija, eħlisni minn id l-għedewwa,
minn id dawk li jeħduha kontrija.
Uri d-dawl ta' wiċċek lill-qaddej tiegħek;
fit-tjieba tiegħek eħlisni.

*R/. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi*

Ħobbu l-Mulej, ħbieb tiegħu kollha.
Lit-twajbin iħarishom il-Mulej,
Agħmlu l-ħila u qawwu qalbkom,
intom ilkoll, li tittamaw fil-Mulej.

*R/. F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi*

Il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, jkanta l-Antifona *Cum Pervenisset* ta' Prof. Gaetano Grech.

Animatur jintroduċi r-raba' tema:

"Lir-Rebbieħ, nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu."
Apokalissi 3,21

Aktar ma jgħaddi iż-żmien, is-setgħa u r-responsabbilta', tradizzjonalment assoċċjati mas-slaten u n-nobilta', qed jispikkaw fil-fatt li wieħed ikun awtentiku: f'li wieħed jitħabat għall-verita', u jippreżenta din l-verita' b'tali mod li tirrispondi għall-eżiġenzi tal-bnedmin. Kristu Ġesù, fl-awtorita' tiegħu ta' Sultan tal-Ħolqien kollu, huwa x-xbieha oriġinali tal-Missier, u għaldaqstant it-tagħlim li jwasslilna huwa mogħti bis-setgħa, u għalhekk ġdid ukoll, għax iridna nikkorrispondu dejjem mas-sejħa oriġinali li għamlilna: li nkunu xbieha tiegħu, li nixbħuh. Barraminhekk, dawk kollha li huma msejħin biex ifakkru u jqawwu lill-bnedmin biex jgħixu din is-sejħa għandhom sehem mill-awtorita' ta' Kristu, u mit-tron tiegħu. Hu għalhekk li aħna għandna nħarsu lejhom, speċjalment lejn dawk li huma kkonsagrati mill-Mulej innifsu, u nosservaw it-tagħlim li wasslulna, waqt li nimitawhom. Hekk aħna, bħalhom, inkunu qed nagħtu xhieda dejjiema għall-verita' eterna.


2009.

## Ir-Raba' Qari

Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin — Fil 3, 17-21; 4, 1

Ħuti: ixbhu lili, u ħarsu lejn dawk li jimxu skont l-eżempju li rajtu fina. Għaliex hawn ħafna – dan għidthulkom bosta drabi, imma issa ntennihulkom bid-dmugħ f'għajnejja – li jġibu ruħhom bħal għedewwa tas-salib ta' Kristu. It-telfien għad ikun tmiemhom; alla tagħhom hu żaqqhom, jiftaħru b'dak li jmisshom jistħu minnu, u moħħhom biss fil-ħwejjeġ tad-dinja.

Imma aħna pajżani tas-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu.

Għalhekk, intom, ħuti li intom l-għożża u x-xewqa tiegħi, ferħ u kuruna tiegħi, żommu sħiħ fil-Mulej, maħbubin tiegħi.

Il-Kelma tal-Mulej.
Inroddu ħajr lil Alla

Animatur jintroduċi r-raba' allegorija:

L-Anġli jżommu u jxejjru il-Palm u r-Rand, li jirrappreżentaw il-Glorja dejjiema tal-Appostlu Martri fi ħdan Alla l-Imbierek.

Il-mistrieħ, il-ġieħ, il-glorja u r-radd il-ħajr, huma wħud mill-elementi bażiċi li jekk il-bniedem ma jduqhomx ftit fil-ħajja tiegħu fuq l-art, speċjalment minn dawk il-persuni li jħobbuh, ma jkunx kapaċi jgħix. B'hekk, Alla l-imbierek, mhux biss idewwaqhom, imma jiggarantihom bħala ħlas lil dawk kollha li f'ħajjithom ikunu tħabtu Għalih. Hu, li fi Kristu kien għalina s-salvazzjoni tagħna, tant iħobbna li jridna ningħaqdu miegħu b'mod l-aktar sħiħ ħalli t-tjieba tiegħu u dak kollu li hejja għalina għal dejjem, inkunu nistgħu ingawduhom tassew.

## Salm Responsorjali

Salm 117 (118)

*R/. Faħħru l-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!*

Qawwa tiegħi u għana tiegħi l-Mulej;
hu kien għalija s-salvazzjoni tiegħi.
Għajjat ta' ferħ u rebħ fl-għerejjex tat-tajbin:
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila!

*R/. Faħħru l-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!*

Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa,
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.
Ma mmutx, imma nibqa' ngħix,
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.

*R/. Faħħru l-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!*

Dan hu l-jum li għamel il-Mulej;
ħa nifirħu u nithennew fih!
Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana!
Ejja, nitolbuk, Mulej, agħtina r-riżq!

*R/. Faħħru l-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!*

Mbierek minn ġej f'isem il-Mulej!
Inberkukom minn dar il-Mulej.
Jaħweh hu Alla; hu d-dawl tagħna.
Tqassmu f'purċissjoni bil-friegħi f'idejkom sa ħdejn l-artal.

*R/. Faħħru l-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!*

Alla tiegħi int, jien niżżik ħajr;
Alla tiegħi, jien lilek inkabbar.
Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

*R/. Faħħru l-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!*

Il-kor, akkumpanjat mill-orkestra, jkanta l-Antifona *Cum Pervenisset* ta' Patri Domenico Anastasi O.S.A.

## Talba tat-Tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Koppla

Animatur: Issa, li tqawwejna bis-sħiħ bil-Kelma ta' Alla, wasalna għall-mument, tant mistenni, fejn iċ-ċelebrant ilissen it-Talba tal-Barka li permezz tagħha mhux biss ser ikun qed ibierek ix-xbiehat il-ġodda ta' dan il-qaddis, imma wkoll lilna biex dak li smajna, u issa ser naraw, inkunu nistgħu ngħixuh. Ippermettuli nfakkar li f'dan il-mument, għal bosta minna żgur emozzjonanti, kulħadd għandu jibqa' f'postu biex tibqa' tinżamm il-ġabra xierqa lil din iċ-ċelebrazzjoni, u wkoll biex niffaċilitaw is-servizz tal-ushers, li ser jqassmu t-tifkira li turi l-pitturi ġodda lil kull min hu preżenti, u li tista' tintrefa' mal-fuljett li bih stajtu ssegwu aħjar din iċ-ċelebrazzjoni. Eventwalment, fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni, fl-ordni li fiha ser imexxukom l-ushers, lkoll tkunu tistgħu taraw il-koppla u tiflu d-dettalji tagħha.

Ċelebrant: Inkabbruk, Mulej, għax Int waħdek il-Qaddis;
Int ħennejt għalina u bgħatt fid-dinja
'l Ibnek, Sidna Ġesù Kristu,
il-bidu u t-tmiem ta' kull qdusija:

Hu bagħat l-Ispirtu s-Santu, id-difensur,
fuq il-Knisja fil-bidu tagħha:
il-leħen li jgħallem il-misteri tal-qdusija,
in-nifs li jnebbaħ kull ma hu qawwi u kull ma hu ħelu,
in-nar li jħeġġeġ qlub l-insara bl-imħabba,
iż-żerriegħa ta' Alla li tagħti kotra kbira ta' frott tal-grazzja.

Għalhekk qegħdin ngħolluk illum, Mulej:
Int għanejt bid-doni tal-Ispirtu s-Santu
lil Sant' Andrija li għal ġieħ tiegħu,
il-qaddejja tiegħek hejjew dawn ix-xbiehat.

Agħmel li huma, fil-mixi tagħhom wara l-Mulej,
fuq l-eżempju ta' Sant' Andrija
jaslu biex ikunu raġel magħmul fl-aħjar ta' żmienu
ħa sseħħ fihom il-milja ta' Kristu.

Ħa jxandru l-Evanġelju bil-kelma u bl-eżempju tagħhom,
u ma jibżgħux joffru ħajjithom b'xhieda għalih.
Ħa jerfgħu kuljum is-Salib tal-Mulej
huma u jaqdu lilek u lil ħuthom;
Ħa jimlew bl-Ispirtu ta' Kristu
il-belt tad-dinja huma u jaqdu dmirijiethom fiha
waqt li jżommu għajnejhom merfugħin lejn id-dar tas-sema
fejn int, Missier, għad tilqagħhom biex isaltnu ma' Ibnek
li miegħek jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

Il-poplu: Ammen.

Waqt li l-Kappillan u l-Viċi, flimkien maċ-Ċelebrant jersqu lejn in-nofs, jinġibdu tliet tokki tal-Qanpiena l-Kbira, li jwasslu biex flimkien jiġbdu l-ħabel ħalli tibda tinkixef u tinxteghel il-koppla akkumpanjata minn Fanfarra bit-Trombi u l-Orkestra miktuba minn Neil Zammit.

Hekk kif il-Koppla tinkixef kollha u tinxtegħel, iċ-Ċelebrant jixħet l-inċens ġor-reċipjent fiss, u l-kor, akkumpanjat mill-orkestra, jibda jkanta mill-ġdid l-Antifona *Cum Pervenisset* ta' Dott. Paolo Nani.

Matulha l-*Ushers* iqassmu wkoll it-Tifkiriet u ssir l-Aħħar Ġabra b'risq il-proġett.

Kif tintemm l-Antifona, il-Kappillan jagħmel diskors ta' ringrazzjament lil dawk kollha li taw sehemhom biex dan il-proġett seta' jsir, kif ukoll lil dawk kollha li taw sehemhom biex din iċ-ċelebrazzjoni setgħet isseħħ.

## Ir-Rit tal-Għeluq

Ċelebrant jgħid il-kolletta:

## Nitolbu

O Alla, għajn ta' kull grazzja u ta' kull qdusija, ħares bi ħniena lejna, qaddejja tiegħek, u bl-interċessjoni ta' Sant' Andrija Appostlu, agħtina li nġarrbu l-qawwa tat-talb tiegħu; hu li, bħala ħabib ta' Kristu u werriet miegħu, jiddi bħala xhud ħaj tal-Evanġelju u b'mod tal-għaġeb jidħol għalina quddiemek. Bi Kristu Sidna.

Il-poplu: Ammen.

Ċelebrant: Il-Mulej magħkom.

Il-poplu: U miegħek ukoll.

Ċelebrant: Alla, tifħir u hena tal-Qaddisin kollha, ibierek b'barka ta' dejjem lilkom, li tagħkom l-għajnuna ta' tant Qaddisin li jidħlu għalikom.

Il-poplu : Ammen.

Ċelebrant: Meħlusin mit-tiġrib kollu tal-ħajja tal-lum bit-talb tal-Qaddisin u mgħallmin mill-eżempji sbieħ tagħhom, jalla tkunu dejjem mehdija fil-qadi ta' Alla u ta' ħutkom.

Il-poplu: Ammen.

Ċelebrant: Jalla tkunu tistgħu tgawdu mal-Qaddisin kollha l-hena tas-Saltna tas-sema fejn il-Knisja tifraħ tara 'l ulieha magħqudin mal-Anġli tas-sema fis-sliem ta' dejjem.

Il-poplu : Ammen.

Ċelebrant: Ikun imbierek isem il-Mulej.

Il-poplu: Minn issa u għal dejjem.

Ċelebrant: L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.

Il-poplu: Li għamel is-sema u l-art.

Ċelebrant: U iberikkom Alla li jista' kollox: † il-Missier, † u l-Iben, u † l-Ispirtu s-Santu.

Il-poplu: Ammen.

Ċelebrant: Morru fil-paċi ta' Kristu.

Il-poplu: Inroddu ħajr lil Alla.

Waqt li l-Abbatini u s-Saċerdoti jimxu proċessjonalment lejn is-sagristija, iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bil-Kant tal-Innu Popolari ta' Mro. Angelo Pace.

## Innu lil Sant' Andrija Appostlu

I

Issa tgħaġġel, issa tkarkar,
Fejn int sejjer Sant' Andrija?
Ix-xemx niżlet, kollox siket,
Għax ma nġbartx fid-dar kennija;

Sidi qalli Ejja wrajja,
Jien smajt minnu b'qalb qawwija;
Din mhix dalma, din mhix sikta
Dawn tas-sema għana u dija. Rit:

II

Oh Rażul jien issa fhimtek
Rajtek lura f'darek fqira;
Lil ħuk Xmuni smajtek tħajru,
Jiġi miegħek bla tnikkira.

Il-Mulej, ħi sibna, ejja;
Il-Feddej minn żmien imwiegħed.
Bl-akbar ferħa ħadtu miegħek
Għad li qalbek bdiet titriegħed. Rit:

III

Fi twemminek kemm sirt qawwi,
Ħluq t'għexieren ta' mijiet ...
Lill-Imgħallem ġegħeltu jxabba'
B'żewġ ħobżiet u ftit ħutiet.

Ġrejt imbagħad minn art għal oħra
biex lill-ġnus tajt it-twemmin.
Bqajt tipprietka ukoll imsallab,
Waqt li n-nifs kien qed inin. Rit:

Rit: Int Appostlu Sant'Andrija
Qed tħajjarna niġu miegħek;
Lil Ġesù kemm tħobbu, tgħożżu;
Lejh tiġbidna qed bi driegħek.
* Glorja tiegħek is-Salib
Bih rebbaħna kull tiġrib. (x2)

Ċeremonjier - Fra Vince Axiaq OFM Cap.

Animatur - Sem. Robin Camilleri

Ħajr lil

- Viċi Parroku Dun David Farrugia għall-ġabra tal-materjal marbut ma' din iċ-ċelebrazzjoni
- Joseph u Keith Grima għall-produzzjoni tal-*features* awdjo-viżivi
- Kan. Karm Attard għall- ispjegazzjoni tat-temi tal-flieli tal-koppla
- Neil Zammit għar-riċerka tax-xogħlijiet mużikali
- Mro. Norbert Camilleri għall-adattament tal-mużika
- Joseph u Anthony Camilleri għall-armar tal-i*screen*


2009

# *Cum Pervenisset Beatus Andreas*

## L-Antifona ta' Sant'Andrija Appostlu tul is-snin

*Neil Zammit*

L-1950 sena mill-martirju ta' Sant'Andrija, flimkien mal-proġett tar-restawr u d-dekorazzjoni tal-koppla, li wara kważi ħames snin ta' ħidma, qed jiġi inawgurat proprju għall-festa titulari ta' Sant'Andrija, immotivaw bis-sħiħ biex din l-okkażjoni tkun waħda storika mhux biss mil-lat artistiku, imma anke mill-aspett mużikali. Bla dubju, element qawwi f'ċelebrazzjoni ta' kull tip ta' anniversarju, festa, jew inawgurazzjoni ta' xi ħaġa speċjali hija l-mużika. Għaldaqstant nistgħu ngħidu li hekk kif bdew il-ħsibijiet relatati mal-jum speċjali tal-kxif mill-ġdid tal-koppla fl-isfond tat-tifkira tal-Martirju ta' Sant'Andrija, mill-ewwel nibtet ix-xewqa li ċ-ċelebrazzjoni tkun imżewwqa bid-daqq ta' mużika sagra marbuta direttament mal-kult ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa stess: l-esekuzzjoni tal-Antifona ta' Sant'Andrija taħt diversi forom mużikali kif instemgħu l-aktar sa' mis-seklu dsatax fil-jiem tas-solennita' ta' dan l-Ewwel Appostlu dixxiplu tal-Mulej ġewwa l-maqdes iddedikat lilu.




*Antifonarju maħrug tul il-papat ta' Leone VIII Pont. Max.*

## L-Antifona ta' Sant'Andrija Appostlu

Cum pervenisset Beatus Andreas
ad locum ubi Crux parata erat, exclamavit et dixit:
O bona Crux diu desiderata et jam concupiscenti
animo praeparata securus et gaudens venio ad te:
ita et tu exultans suscipias me discipulum ejus,
qui pependit in te.

Meta wasal Sant'Andrija
fil-post fejn kienu lestew is-Salib, hu għajjat u qal:
O twajjeb Salib li ilni tant nistennik u nixtieqek
b'ruħ imħejjija kollni ferħan ġej għandek;
fittex ilqagħni bħala dixxiplu,
ta' Dak li ddendel fuqek.



## X'inhi Antifona?

Primarjament, l-antifona hija element importanti ħafna fil-Liturġija tas-Siegħat, jew kif inhi popolarment magħrufa bħala *l-Brevjar*, u tikkonsisti f'vers jew tnejn, pjuttost qosra, meħuda mill-Kotba Mqaddsa jew miktub minn għorrief jew *santi padri* tal-Knisja, bi kliem mirqum, u bosta drabi ta' tifħir, dwar il-Misteri ta' Sidna Ġesù Kristu, tal-Beata Verġni Marija, u tal-Qaddisin li tagħhom tkun qed tiġi ċċelebrata s-Solennita' jew it-Tifkira fil-kalendarju Liturġiku. L-antifona tingħad jew titkanta qabel u wara kull salm, kif ukoll il-kantiċi evanġeliċi, bħalma huma l-*Benedictus* jew il-*Magnificat*.

Mill-lenti mużikali, oriġinarjament, l-antifoni kienu jitkantaw bil-gregorjan hekk kif ġiet fis-seħħ ir-riforma mitluba mill-Papa Gregorju l-Kbir. Iżda mal-medda tas-snin dawn bdew jiġu adattati għall-mużika polifonika li bdiet tinkiteb apposta għal waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Knisja Kattolika Rumana. Jidher illi f'pajjiżna, l-ewwel żvilupp f'dan il-qasam imur lura għal sekli sħaħ, saħansitra għal żmien il-Kavallieri tal-Ordni Ġerosolemitan ta' San Ġwann. Iżda mal-qalba tas-seklu 19, l-antifoni ħadu sura mużikali ġdida minn għadd ta' kompożituri magħrufa, liema forma hija msejsa fuq żewġ modi differenti; dik binarja (A-B) jew ternarja (A-B-A). Ħafna minn dawn l-antifoni għadhom popolari magħna sa' llum u ta' kull sena l-kongregazzjoni tistenna bil-ħerqa biex fil-jiem tal-festa tisma' l-antifona tindaqq u titkanta lejn it-tmiem taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-knejjes tagħna, b'melodiji tant ħelwa li jferrħu l-qlub.

## Riċerka ntensiva tippreżentalna għadd ta' Antifoni ta' Sant'Andrija Appostlu

Nistgħu ngħidu li għalkemm diġà kellna f'idejna l-antifona miktuba minn Patri Domenico Anastasi O.S.A. li lkoll nisimgħuha tindaqq fil-jiem tat-tridu kif ukoll lejlet u nhar il-festa titulari, kellna wkoll ħjiel ċar illi jeżistu verżjonijiet mużikali oħra miktuba bħala antifona għal Sant'Andrija Appostlu. Dawn jistgħu jitqiesu bħala parti integrali mill-patrimonju mużikali vast li tgawdi l-parroċċa tagħna, u li xhieda ta dan insibu d-diversi surmastrijiet magħrufa li tul is-snin ħallew isimhom marbut ma' Ħal Luqa u l-festa ad unur Sant'Andrija Appostlu. Minnufih bdiet ir-riċerka meħtiega biex dawn ix-xogħolijiet mużikali jinstabu u jinġabru minn diversi arkivji u mkejjen oħra differenti. Bil-għajnuna ta' bosta nies, li lkoll għamlu ħilithom u nkuraġġewna biex din l-inizjattiva issir realta', l-isforzi kollha li saru

*Estratt mill-partitura oriġinali tal-antifona ta' Dott. Paolo Nani*



taw il-frott mixtieq u fil-fatt instabu għadd ta' antifoni oħra li flimkien ma' dik eżistenti, ser isibu posthom mill-ġdid fl-arkivju parrokkjali wara tant snin illi kienu ilhom nieqsa, b'uħud minnhom kważi minsija għal kollox. Iżda qabel ma nitfgħu ħarsitna lejn l-antifoni u l-kompożituri rispettivi tagħhom, tajjeb li naraw l-iżvilupp tal-mużika liturġika f'Ħal Luqa u s-sehem tad-diversi *maestri di cappella* tul is-snin.

## Il-mużika tal-festa mis-seklu dsatax 'l hawn

L-ewwel referenza għall-mużika tal-festa fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa teħodna lura għall-ewwel snin tas-seklu dsatax. Fil-fatt bejn l-1835 u l-1849 jissemmew il-Prof. Gatt u l-Mro. Rosato bħala *Maestri di Cappella* tal-parroċċa ta' Sant'Andrija Appostlu. M'għandniex tagħrif dwar il-mużika li kienet tindaqq fil-jiem tal-festa, iżda x'aktarx li l-Antifona li kienet tiġi esegwita f'din l-epoka kienet miktuba mill-Prof. Gatt. Dan minħabba l-fatt illi s-surmast Rosato dam imexxi l-mużika fil-festa titulari għal sentejn biss. Mir-riċerka li saret s'issa, din l-antifona baqgħet ma nstabitx u għalhekk l-ewwel antifona li niltaqgħu magħha fl-istorja magħrufa s'issa hija dik ta' Mro Giuseppe Malfiggiani Wolgenchafer, miktuba oriġinarjament fl-1847. Meta mbagħad bdiet tikber il-popolarita' tal-*Cappella Nani*, fl-1879 il-kappillan Dun Ruggier Trapani talab lil Mro Dott. Paolo Nani biex jikkomponi antifona ġdida speċifikament għall-festa ta' Sant'Andrija, liema antifona lestiha nhar it-23 ta' Novembru u ndaqqet fil-festa tal-istess sena. Lejn tmiem is-seklu, Mro Gaetano Grech, li kien midħla sewwa ta' Ħal Luqa, minħabba li serva għal numru ta' snin bħala direttur mużikali taż-żewġ baned tal-lokal, ikkompona antifona oħra għal Sant'Andrija qrib is-sena 1893.

Fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin, il-mużika tal-festa kienet għadha f'idejn il-*Cappella Nani* mmexxija minn Mro. Anton Nani. L-antifona mill-isbaħ ta' Dott. Paolo Nani baqgħet tindaqq ta' kull sena u bosta kienu dawk li fil-jiem tal-festa kienu jassistu bi ħġarhom għall-funzjonijiet solenni ġewwa l-knisja parrokkjali biex jisimgħuha u jkantaw magħha. Iżda fl-1930 il-mużika tal-festa għaddiet f'idejn il-*Cappella Camilleri*. Ma setax jonqos illi minħabba r-rabta storika ta' dan il-familja ma' Ħal Luqa, il-*Cappella Camilleri* tagħti s-servizz mużikali tagħha bl-aħjar mod possibbli fil-festa titulari tal-parroċċa. Minħabba l-popolarita' kbira li kienet tgawdi l-antifona ta' Nani, is-surmast Ħalluqi Ferdinando Camilleri xorta waħda baqa' jużaha waqt il-funzjonijiet liturġiċi tal-festa, iżda minħabba l-*motu proprio* huwa kien ġie mitlub biex jadattata l-mużika ta' antifona minn tiegħu għas-solennita' ta' Sant'Andrija Appostlu.



*Ferdinando Camilleri (1859 – 1942)*

Mro. Ferdinando Camilleri dam imexxi l-mużika tal-festa ta' Sant'Andrija sa ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-funzjonijiet liturġiċi ġewwa l-knisja

kellhom inaqqsu mis-solennita' tagħhom, aktar u aktar meta fl-1942 iġġarfet parti mill-knisja parrokkjali. F'dan iż-żmien iebes għall-parroċċa, il-mużika fil-festi kollha ta' matul is-sena kienet tindaqq bl-armonju mis-surmast Ħalluqi Salvatore Azzopardi, tant li kien kiteb ukoll antifona lil Sant'Andrija Appostlu. Aktar tard, din l-istess antifona ġiet adattata għall-*Flos Carmeli* biex tindaqq fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilika tal-Belt Valletta.[1]

Meta ntemmet il-gwerra u l-ħajja tal-parroċċa reġgħet bdiet ġejja lura għan-normal, il-mużika tal-festa titulari għaddiet mill-ġdid għand il-*Cappella Camilleri*, din id-darba taħt it-tmexxija ta' Mro. Giuseppe Camilleri, waqt li s-surmast Azzopardi baqa' jieħu ħsieb il-mużika fil-jiem tat-tridu. Fl-1965, il-kappillan Dun Innocenz Borg waqqaf il-*Chorus Excelsior* biex jieħu sehem fil-festi liturġiċi kollha tal-parroċċa kif ukoll fit-tridijiet ta' Sant'Andrija. Fl-istess sena huwa adatta l-kliem tal-antifona ta' Sant'Andrija għall-mużika ta' Patri Domenico Anastasi *O.S.A.* biex din tibda tindaqq ta' kull sena mill-kor parrokkjali *Excelsior* fil-jiem tat-tridu. Sadanittant, Mro. Giuseppe Camilleri baqa' jmexxi l-mużika ta' lejlet u nhar il-festa sal-1975, meta mbagħad kellu jirtira minħabba saħħtu. Sa' dik il-ħabta s-surmast Camilleri kien baqa' jdoqq l-antifona ta' missieru, iżda wara li spiċċa mill-kariga ta' *maestro di cappella*, din l-antifona ħadd ma jaf x'sar minnha u sfortunatament għadha mitlufa sal-ġurnata ta' llum għajr għal ħjiel ċkejken tagħha li baqa' jidwi fil-memorja ta' xi parruċċani anzjani li għadhom jiftakruha. [2]

Wara li spiċċat il-*Cappella Camilleri*, il-kappillan Borg beda jsejjaħ diversi surmastrijiet biex jieħdu ħsieb il-mużika ta' lejlet u nhar il-festa. Għall-festa tal-1976 il-mużika kienet saret kollha mill-*Chorus Excelsior*. Fis-sentejn ta' wara insibu lil Patri Albert Borg *O.S.A.*., waqt li fl-1979 u s-sena ta' wara l-mużika tmexxiet mill-*Cappella Diacono*. Fis-snin tmenin, tul il-parrokat ta' Dun Kalċidon Vassallo, il-mużika ta' lejlet u nhar il-festa bdiet titmexxa minn Mro. Carmelo Callus. Is-surmast Callus adatta żewġ antifoni minn tiegħu biex jindaqqu wkoll fil-festa, liema antifoni kienu oriġinarjament miktuba għal San Nikola fl-1978.[3] Iżda minkejja dan, l-antifona li semmejna ta' Domenico Anastasi *O.S.A.* baqgħet tindaqq ta' kull sena waqt il-jiem tat-tridu mill-kor parrokkjali u saħansitra bdiet tintuża wkoll lejlet u nhar il-festa.

Tul il-parrokat ta' Dun Joe M. Camilleri, il-mużika ta' lejlet u nhar il-festa ta' Sant'Andrija għaddiet f'idejn ħu l-kappillan nnifsu, Mro. Sebastian Camilleri, u mal-ħatra ta' Dun Karm Camilleri bħala kappillan ġdid tal-parroċċa, il-Prof. Mro. Dion Buhagiar mexxa għal sentejn il-mużika ta' lejlet u nhar il-festa, biex eventwalment reġgħet bdiet tidwi mal-ħitan tal-maqdes iddedikat lil Sant'Andrija, il-mużika tal-*Cappella Camilleri*, bl-għasar solenni ta' lejlet il-festa u l-quddiesa l-kbira ta' jum is-solennita' magħrufa bħala l-*Quddiesa tat-Trombi*, taħt it-tmexxija ta' Patri Anton Briffa *OFM Cap*. Biss tul il-jiem kollha tal-festa, l-antifona xorta baqgħet dik ta' Anastasi proprju hekk kif għadna nisimgħuha tindaqq sal-ġurnata tal-lum.

---

[1] Din il-konnessjoni nibtet minħabba li ulied is-surmast Azzopardi, Patri Kiljan u Patri Timotju kienu professati mal-Ordni Karmelitan.

[2] Jingħad illi Mro. Giuseppe Camilleri kien idoqq din l-antifona anke fil-festi ta' San Ġorġ Marti f'Ħal Qormi u San Ġużepp tal-Imsida.

[3] Is-Surmast Callus għoġbu jirregala dawn l-antifoni lill-Parroċċa tagħna matul din is-sena.

## L-Esekuzzjoni ta' Erba' Antifoni ta' Sant'Andrija għall-inawgurazzjoni tar-restawr u t-tisbiħ tal-Koppla

Għal din l-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tar-restawr u t-tisbiħ tal-Koppla, fl-isfond tat-tifkira tal-1950 sena mill-martirju ta' Sant'Andrija, ġew magħżula l-erba' antifoni prinċipali biex jakkumpanjaw ir-rit tal-inawgurazzjoni u t-tberik tal-koppla. Għalhekk ikun xieraq illi f'din il-pubblikazzjoni ta' tifkira nagħtu ħarsa lejn dawn l-erba' kompożituri u l-antifoni rispettivi tagħhom biex napprezzaw aktar dan il-patrimonju mużikali.



*Giuseppe Malfiggiani Wolgenchafer (1828 – 1893)*

## Mro. Giuseppe Malfiggiani Wolgenchafer (1828 – 1893)

Imwieled ġewwa l-Belt Valletta fl-1828, ta' eta' żgħira beda jistudja l-mużika tant li tħarreġ tajjeb fl-armonija taħt Dun Giuseppe Burlo' kif ukoll ma' surmastrijiet oħra. Beda l-karriera mużikali tiegħu bħala direttur ta' bosta baned tar-reġimenti Ingliżi, u aktar tard huwa nħatar għal tliet darbiet impressarju tat-Teatru Rjal, kif ukoll darbtejn tat-Teatru Zizinia ta' Lixandra fl-Eġittu.

Malfiggiani kien surmast u kompożitur ta' ħila kbira, tant li kkompona għadd ġmielu ta' xogħolijiet opertistiċi, sinfoniċi, polki, valzi u marċi. Insibu illi dan is-surmast kiteb tliet opri – *I due dottori*, *L'Isle Adam*, u *Coriolano*. L-ewwel waħda kitibha fuq librett ta' Crocco u ġiet esegwita għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel nhar it-3 ta' Ġunju 1848, iżda t-tnejn l-oħra qatt ma ġew esegwiti. Fl-1874, Malfiggiani kiteb ukoll il-mużika għall-episodju komiku bil-malti – *L-Għors ta' Tonina mas-Sur Ġinesiu*, liema episodju kien wieħed mill-ewlenin bl-ilsien Malti. Fl-1886 Giuseppe Malfiggiani nħatar direttur tal-Filarmonika *La Nazionale Vincitrice* tal-Belt Valletta, illum magħrufa bħala l-Banda Ċittadina *King's Own*.

Giuseppe Malfiggiani ma naqasx ukoll li jagħti sehmu fix-xena tal-mużika sagra f'pajjiżna, tant li nsibuh *Maestro di Cappella* ta' diversi parroċċi madwar il-gżejjer Maltin, foshom dik ta' San Lawrenz fil-Birgu, ta' Santa Katarina V.M. fiż-Żurrieq, u dik ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa.

Fost l-antifoni ta' Malfiggiani nsibu dik oriġinarjament miktuba fl-1847 iddedikata lil San Ġużepp - *Eoc Urgens Joseph*. L-istess mużika ġiet adattata għall-antifona *Cum Pervenisset* biex tindaqq fil-festa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu f'Ħal Luqa. Minn ittra li dehret fuq il-ġurnal *Il Filantropo Maltese* tal-10 ta' Diċembru 1856 naraw illi għall-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija Appostlu nhar it-30 ta' Novembru, il-funzjonijiet solenni ġewwa l-knisja parrokkjali kienu akkumpanjati bħas-soltu bil-mużika tas-surmast Giuseppe Malfiggiani.

## Dott. Paolo Nani (1814 – 1904)

Is-surmast Nani twieled il-Belt Valletta nhar it-18 ta' Novembru tal-1814. Sa minn ċkunitu huwa ġie mħajjar biex jieħu l-linja ta' avukat billi jistudja l-liġi, bħal missieru. Hekk għamel u fil-fatt, Paolo ħa l-lawrija ta' duttur tal-liġi ċivili mill-Univesita' ta' Malta fl-1832. Iżda dan ma naqqas xejn mill-passjoni li kellu lejn il-mużika. Infatti beda jistudja wkoll il-mużika taħt Giuseppe Burlon u Emmanuele Muscat. F'Lulju tal-1833 Dottor Paolo Nani telaq lejn Napli u hemmhekk issokta l-istudji mużikali tiegħu taħt kompożituri magħrufa, fosthom Antonio Zingarelli, Gaetano Donizetti, Giovanni Furno u Francesco Ruggi.



*Dott. Paolo Nani (1814 – 1904)*

Lura Malta fl-1838, huwa waqqaf il-*Cappella Nani* u minnufih beda jagħti s-sehem tiegħu fil-qasam tal-mużika sagra. L-ewwel festi li fihom ħadet sehem il-*Cappella Nani* kienu dik tal-Madonna tal-Karmnu fil-Bażilika tal-Karmnu (Valletta), u ta' San Pawl Nawfragu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl (Valletta). Aktar tard insibuh ukoll *Maestro di Cappella* ta' għadd ta' parroċċi mxerrdin madwar Malta fosthom dawk ta' San Ġiljan, il-Mosta, is-Siġġiewi, iż-Żurrieq, Ħal Balzan u Ħal Luqa. Nistgħu ngħidu li Dottor Nani ikkompona diversi xogħolijiet li saħħru bi ġmielhom lil poplu Malti li kien jattendi bi ħġaru għall-funzjonijiet reliġjużi. Ikkompona wkoll numru ta' xogħolijiet profani fosthom l-opra *La Mezza Notte* (1844) kif ukoll għadd ta' sinfoniji orkestrali biex jiġu esegwiti fil-knejjes qabel il-funzjonijiet reliġjużi. Bejn l-1841 u l-1887, Dottor Paolo Nani kien direttur, l-ewwel fit-Teatru Manoel u aktar tard fit-Teatru Rjal. Fl-1878 rċieva *diploma* u midalja tad-deheb mir-*Reale Associazione Dei Benemerenti Italiani* ta' Palermo u sena wara nħatar bħala membru onorarju tal-*Accademia Filarmonica di Bologna*.

Kien propju f'dan il-perjodu brillanti tal-karriera mużikali tiegħu, meta fl-1879 insegħmet għall-ewwel darba l-antifona l-ġdida *Cum Pervenisset* ta' Dottor Paolo Nani għall-festa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu f'Ħal Luqa. Kienu l-kappillan Dott. Dun Giuseppe Ruggiero Trapani u l-prokuratur Dun Giuseppe Vassallo li kkummissjonaw din l-antifona l-ġdida lil Dott. Paolo Nani biex tibda tindaqq fis-solennita' ta' Sant'Andrija, u l-fatt illi Nani aċċetta minnufih din il-kummissjoni jindika li l-festa f'Ħal Luqa kienet tgawdi ċertu popolarita' u mfittxija mill-poplu ta' dak iż-żmien. L-antifona ġġib id-data *23 Novembre 1879* u hija tabilħaqq waqda denja tal-*Cappella Nani*.

Fil-ġurnal *Fede ed Azione* tal-10 ta' Diċembru 1879 inkiteb illi l-festa ta' Sant'Andrija ta' dik is-sena saret b'pompa u reliġjożita' kbira u li l-funzjonijiet reliġjużi kienu akkumpanjati bid-daqq ta' mużika mill-aqwa, mmexxija minn Dottor Paolo Nani u ibnu Anton, b'dan tal-ewwel jikkomponi antifona ġdida *che venne molto applaudita da persone competenti nell' arte musicale*.

## Prof. Gaetano Grech M.A.C.R.B. (1855 – 1938)



*Gaetano Grech (1855 – 1938)*

Gaetano Grech twieled fil-Belt Senglea nhar id-19 ta' Settembru 1855. Fi tfulitu studja l-klarinett għand is-surmast Bellizzi, waqt li aktar tard studja wkoll il-vjolin għand zijuh Mro. George Fiammingo, il-kontrapunt ma' Mro. Francesco Mallia Cassar u l-armonija mal-magħruf Paolino Vassallo. Ta' 17-il sena ġie maħtur direttur tal-Filarmonika *La Vincitrice* tal-Isla u fl-1890 kien maħtur bħala surmast akkademiku onorarju kif ukoll soċju fundatur tar-*Real Circolo Bellini* ta' Catania.

Fl-1895, Gaetano Grech kien ikkompona *Tantum Ergo* ddedikat lill-Ġeneral tal-Franġiskani Minuri Konventwali. Din il-kompożizzjoni kienet ġiet esposta fil-mostra Sezzjoni XII fil-Kungress Ewkaristiku ta' Milan. Maż-żmien ikkompona *Tantum Ergo* ieħor iddedikat lill-Eċċ. Tiegħu Rev. Mons. Buhagiar, Isqof ta' Ruspa u Amministratur Appostoliku ta' Malta. Prof. Grech kiteb ukoll għadd ġmielu ta' marċijiet, sinfoniji, valzi, galoppi, mażurki, poemi sinfoniċi, innijiet kif ukoll kompożizzjonijiet għall-kor u l-orkestra bħal quddies, vespri u antifoni. Kiteb ukoll is-sinfonija *La Figlia del Re Pepino,* li ndaqqet għall-ewwel darba fit-Teatru Manoel, imbagħad fit-Teatru Rjal taħt id-direzzjoni tas-surmast Pietro Ronzani. Ġiet ukoll esegwita f'Londra, u għal din l-okkażjoni s-surmast Grech ġie ppremjat b'midalja kommemorattiva fl-Espożizzjoni Kolonjali. F'Ottubru 1908 Grech kiteb u ppublika għall-ewwel darba l-*Grammatika tal-Mużika* bil-Malti.

Il-Prof. Gaetano Grech serva wkoll bħala direttur ta' għadd ta' baned Maltin fosthom *La Vallette* u *King's Own* tal-Belt Valletta, *Duke of Edinburgh* tal-Birgu, *La Vincitrice* tal-Belt Senglea, *La Stella* t'Għawdex u ż-żewġ baned ta' Ħal Luqa; *L'Unione* u *Sant'Andrija*.

Interessanti l-fatt illi fost l-għadd ġmielu ta' mużika sagra li Prof. Gaetano Grech ikkompona tul il-karriera brillanti tiegħu insibu l-antifona *Cum Pervenisset*, b'adattament li sar mill-mużika oriġinali tal-antifona tiegħu stess iddedikata lit-Twelid tal-Beata Verġni Marija, *Nativitas Tua*. Aktarx li din ġiet adattata għall-antifona ta' Sant'Andrija biex tindaqq għall-okkażjoni tal-*prima messa* tas-saċerdot novell Dun Rosario Cremona nhar l-1 ta' Jannar 1894. Dun Rosario, iben Vincenzo u Maria Carmela Cremona, kien ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1893 u serva għal numru ta' snin bħala kappillan tal-lebbrużi fl-isptar tal-Ingieret u aktar tard ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral.

## Fra Domenico Anastasi O.S.A. (1886 – 1938)



*Domenico Anastasi O.S.A. (1886 – 1938)*

Imwieled fl-1886 ġewwa l-parroċċa matriċi tal-*Porto Salvo* fil-Belt Valletta, Dumink Anastasi minn ċkunitu wera ħeġġa kbira lejn il-ħajja kkonsagrata. B'hekk is-sejħa li kellu biex jingħaqad mal-patrijiet Agostinjani dejjem taha l-importanza li kien jixirqilha tant li fl-1908 beda n-novizzjat u xxettel fil-kenn tal-monasteru ta' San Mark ġewwa r-Rabat ta' Malta.

Madanakollu, Patri Dumink dejjem ħabb il-mużika sagra tant li sa minn żgħożitu studja l-arti mużikali għal numru ta' snin mal-magħruf Prof. Paolino Vassallo. Flimkien ma' Anastasi kienu jitgħallmu l-mużika għadd ta' surmastrijiet ċelebri fosthom Carlo Diacono, Giuseppe Casapinta u Giuseppe Caruana. Aktar tard, Domenico Anastasi studja wkoll fl-*Istituto Pontificio di Musica Sacra* ġewwa Ruma fejn tħarreġ bil-bosta fil-polifonija liturġika skont il-fehma tal-Papa San Piju X. Ix-xogħlijiet mużikali tiegħu jinsabu miżmuma fl-arkivju tal-Provinċja Agostinjana ġewwa l-Kunvent ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta. U tajjeb ngħidu li, bla dubju, il-kapulavur tiegħu jibqa' l-imsemmi *Oratorium Sancte Augustine*, miktub għall-okkażjoni tal-XV-il ċentinarju mill-mewt ta' Santu Wistin fl-1930. Dan ġie esegwit għall-ewwel darba fit-Teatru Rjal u wara ġewwa l-knisja ta' Santu Wistin tal-Belt. Kompożizzjoni oħra, li tixhed il-ħila kbira li dan il-patri kellu hija l-Innu *Magne Pater Augustine*, li sa ftit tas-snin ilu kien għadu jindaqq fil-festa titulari ta' Santu Wistin tal-Belt.

Għalkemm kien kompożitur ta' ħila, Patri Anastasi qatt ma naqas mid-dmirijiet li kellu kemm bħala reliġjuż kif ukoll bħala saċerdot. Kien bniedem eżamplari, umli u ta' qalb kbira. Tant hu hekk illi meta kien ġie msejjaħ biex jinħatar *Maestro di Cappella* tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann huwa ċeda dan l-inkarigu lis-surmast ħabib tiegħu Carlo Diacono. Patri Domenico Anastasi ħalla din id-dinja f'qasir il-għomor, nhar il-25 ta' Novembru 1938, meta kien qed ihejji biex jitla' r-Rabat ħalli jesegwixxi programm mużikali ad unur Santa Katarina, protettriċi tal-istudenti agostinjani.

Fost il-ħafna mużika sagra miktuba minn Patri Domenico Anastasi O.S.A. insibu l-antifona *Beata Mater* li f'nofs is-seklu li għadda kienet tindaqq għall-festa tal-Kunċizzjoni ċċelebrata fi knisja żgħira li ġġib isimha fil-limiti tar-Rabat. Meta l-Monsinjur Innoċenz Borg kien għadu seminarista fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija, huwa kien midħla sewwa ta' din l-antifona u aktar tard meta kien kappillan ta' Ħal Luqa, adatta l-kliem tal-antifona ta' Sant'Andrija għall-mużika ta' Patri Domenico Anastasi. Meta twaqqaf il-*Chorus Excelsior*, il-kappillan Borg tkellem mas-surmast tal-Kor ta' dak iż-żmien, illum il-Prof. Charles E. Zammit *Ph.D.* biex jara hemmx possibilita' li din l-antifona tibda titkanta mill-kor parrokkjali fil-jiem tat-tridu tal-festa ta' Sant'Andrija. Is-surmast Zammit ma sab l-ebda oġġezzjoni u għalhekk, wara

li ġiet adattata għall-orgni, l-antifona bil-mużika ta' Patri Domenico Anastasi *O.S.A.* instemgħet għall-ewwel darba fl-1965. Minn dakinhar sa llum, minkejja li l-mużika tal-festa ġiet immexxija minn għadd ta' surmastrijiet differenti, din l-antifona baqgħet tindaqq ta' kull sena fis-solennita' ta' Sant'Andrija Appostlu.

## Għeluq

Il-parroċċa ta' Ħal Luqa minn dejjem kellha x-xorti li jkollha wħud mill-aqwa surmastrijiet tal-mużika sagra, li tul is-snin taw is-sehem sħiħ tagħhom biex il-funzjonijiet liturġiċi ġewwa l-knisja parrokkjali jsiru bl-akbar dinjita' u solennita' f'ġieħ Sant'Andrija. Dan jagħmel unur mhux biss lil missirijietna, li tant ħadmu għal dan il-għan, iżda wkoll lilna, li llum qed nerġgħu nagħtu l-ħajja lil dan il-patrimonju mużikali. Minkejja illi għaddew is-snin minn fuqhom, xorta għadhom iqanqlu sentimenti ta' emozzjoni u serenita' bil-għan aħħari li nagħtu ġieħ u glorja lil Alla l-Imbierek u lill-Appostlu Ewlieni Sant'Andrija.

## Bibliografija

*Archivium Cathedrale Melitense*
Arkivju Parrokkjali, Ħal Luqa
Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha*, Malta (1975)
Parroċċa Sant'Andrija, *Ħal Luqa – 375 Sena ta' Fidi u Kultura Nisranija*, Malta (2009)
Mons. Innoċenz Borg, *Notamenti personali (mhux ippubblikati)*
Vincent Zammit, *Mis-Sala tar-Rikordji*, *Soċ. Fil. King's Own*, Valletta
Neil Zammit, *Dott. Mro Paolo Nani u l-festa tal-1879*, *Soc. Fil. L'Unione*, Ħal Luqa (2009)
Frans Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, *Soc. Fil. L'Unione*, Ħal Luqa (2005)
Robert Mifsud Bonnici, *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-bieraħ u tal-lum,* Malta (1951)
Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, PIN, Malta (2000)

## Ħajr lil

W.R. Kappillan Dun Karm Camilleri; Viċi Parroku Dun David Farrugia; Rev. Mons Innoċenz Borg; Rev.mu Kapitlu tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina; Patri Timotju Azzopardi O.Carm; Patri Mark Cauchi O.S.A.; Vince Galea; Mario Gauci; Mario Spiteri; Mrs Fava u l-familja Camilleri; Prof. Charles E. Zammit; Mro Norbert Camilleri; Mro Carmelo Callus; Mro Alfred Dimech; Andrew Camilleri; Adrian Mizzi; James Aquilina; Louis u Joseph Grima; Anton Morana; u Emmanuel Portelli.

Parroċċa Sant'Andrija, Ħal Luqa
www.luqaparish.com